# Madonna Ta' Pinu

Sena XXXI Vol XII Nru. 152 Jannar - Marzu 2010



## Il-Papa Benedittu XVI ser joffri l-Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu

Rivista mahruġa mis-Santwarju Ta' Pinu - Ghawdex

# *Madonna Ta' Pinu*

Perjodiku ta' kull tliet xhur

**Bord Editorjali:** Dun Gerard Buhagiar (*Editur*), Dun Mikiel Galea, Francesco Pio Attard, Maureen Attard, Esther Bajada, Edward Depasquale.

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat hekk:**
***L-Editur,*** *"Madonna ta' Pinu"*
*Ċentru Kulturali Marjan, Ta' Pinu, Għarb*
*Gozo GRB 1704, MALTA.*
*Tel: 2155 6187 Fax: 2156 2350*
*E-mail: theeditor@tapinu.org*

**Abbonament għas-sena 2010:**

| | |
|---|---|
| *Lokali* | **€ 6.00** |
| *Ewropa* | **€14.00** |
| *Barra mill-Ewropa* | **€18.00** |
| *Sostenitur* | Offerta Libera |

***Sena XXXI Vol XII Nru. 152***
***Jannar - Marzu 2010***




**Ritratti tal-Qoxra**
***Quddiem:*** Il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu u l-Papa Benedittu XVI

***Wara:*** Programm ta' l-Attivitajiet Speċjali marbuta maż-Żjara tal-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu f'Malta

***Disinni fil-bidu ta' kull artiklu:***
*Dettal ta' l-iskultura* - Wistin Camilleri, u Mużajċi li jinsabu fis-*Santwarju Ta' Pinu*


***Ringrazzjament***
*Arkivju Rit. Santwarju Ta' Pinu, Daniel Cili.*

**stampar:** jdbprinting - tel: 2155 2219



© Copyright Ta' Pinu Publications 2009
*L-ebda parti minn artiklu jew ritratt, li jidhru fuq din ir-rivista ma jistgħu jiġu ppubblikati mingħajr il-permess bil-miktub tal-Bord Editorjali.*


## *F'din il-Ħarġa...*


**1** Il-Kelma tar-Rettur *B'ħarsitna fuq ommna...*

**3** Il-Papa se joffri Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu

**6** Sub Tuum Praesidium

**8** Il-Verġni Mqaddsa Marija: ħarsien tal-fidi tagħna

**10** Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona

**12** Omm Qaddisa... Taħt il-Mant tiegħek ilqagħna

**14** Taf x'Qed Titlob: *Riflessjoni fuq it-talba "Sub Tuum"*

**16** Skola Marjana

**20** Il-Kelma tal-Papa

**21** Marija fil-Mużika L-1 Parti

**24** English Corner *Sub Tuum Praesidium*

**26** Sliem Għalik: *Talba "Marija Gwida fil-Vjaġġ tagħna"*

**28** Ktieb ġdid ta' riċerka fuq il-bennej Għawdxi tas-Santwarju Ta' Pinu

**29** Mill-Ħajja tas-Santwarju

**30** Marian Stamps from around the world: *First Marian Postage Stamps*

**37** L-Għanja tal-Qaddejja It-8 parti

**39** Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...

**40** Preżentazzjonijiet tat-Tfal


***Intenzjoni ta' din il-Ħarġa***

**Biex il-Poplu Malti u Għawdxi jilqa' b'fidi u mħabba l-messaġġ li ser iwassallu il-Papa Benedettu XVI**




# B'ħarsitna fuq Ommna...

*"Kull nisel isejjaħli hienja!"*. Dawn il-kelmiet ħarġu mhux biss mill-fomm, iżda mill-qalb ta' dik li b'rieda sħiħa għażlet li tkun "il-Qaddejja tal-Mulej''. U min jagħżel li jaqdi lil Alla jista' jkun li ma jkollux qalbu mimlija hena u paċi? Il-kliem tal-Verġni Marija mhux biss kliem profetiku, iżda fuq kollox huwa kliem li jurina biċ-ċar it-triq li fiha l-bniedem jista' jsib il-vera paċi. Sa mill-bidu l-Knisja rat fix-xebba ta' Nazareth Omm u Għalliema tal-ħajja.

B'din il-ħarġa qed nibdew sena oħra, qed nibdew volum ieħor fir-rivista tas-santwarju, u dan huwa li ser nagħmlu matul dawn is-sentejn li ġejjin. Sejrin nitfgħu ħarsitna fuq il-Verġni Marija u fuq il-mod ta' kif il-Knisja Ommna tħares lejha u titlobha. Matul din is-sena ser nieħdu f'idejna wħud mill-isbaħ innijiet li l-Knisja matul iż-żmien nisġet biex bihom tfaħħar lill-Omm Qaddisa ta' Alla. Dawn l-antifoni Marjani jgħinuna biex infaħħru lil Marija u fl-istess ħin huma ta' indikazzjoni għalina biex fihom aħna nsibu l-paċi tal-qalb. F'kull antifona li ser nieħdu sejrin inħossu fuqna l-ħarsa materna ta' din l-Omm tas-Sema. L-antifona li fuqha ser nirriflettu f'din il-ħarġa hija l-aktar talba antika li l-Knisja nisġet lill-Verġni Marija: it-talba magħrufa bħala ***Sub tuum Præsidium***, "Taħt ħarstek nistkennu...".

It-tama tagħna hija li dan il-materjal li ssibu fir-rivista *Madonna Ta'Pinu* jkabbar fina l-għarfien fuq il-Verġni Marija, biex aktar ma nsiru nafu dwarha aktar insiru nħobbuha u fuq kollox nikbru fl-imitazzjoni tal-ħajja tagħha, biex aħna wkoll bħalha ta' kuljum insiru tassew "qaddejja tal-Mulej''. In-Nisrani jsib il-ferħ veru meta jgħix il Kelma ta' Alla fil-ħajja tiegħu ta' kuljum. Fl-aħħar mill-aħħar din hija x-xewqa ewlenija tal-Verġni Marija: li aħna wkoll "nagħmlu dak li jgħidilna hu!''.

## Sena ta' tifkiriet...

Għas-santwarju Ta' Pinu din hija sena mimlija tifkiriet sbieħ u importanti fl-istorja tal-qima tagħna lejn il-Madonna Ta' Pinu. F'din is-sena, 2010, qed infakkru l-75 anniversarju minn meta d-delegat tal-Papa Piju XI, il-kardinal Alessio Enrico Maria Lepicier, tal-Ordni tas-Servi ta' Marija, fuq digriet tal-Papa, inkuruna l-kwadru mirakuluż tal-Madonna Ta' Pinu. Din il-ġrajja importanti seħħet nhar l-20 ta' Ġunju 1935.



Ġrajja oħra importanti, mhux biss għas-santwarju Ta' Pinu iżda għall-Knisja universali, hija dik tal-proklamazzjoni tad-domma tal-Assunta. Kien nhar l-1 ta' Novembru 1950 li l-Papa Piju XII, bill-bolla *Munificentissimus Deus*, ipproklama li **"fi tmiem il-ħajja tagħha fuq l-art l-Immakulata Omm Alla dejjem Verġni Marija ġiet meħuda bil-ġisem u r-ruħ fil-glorja tas-Sema"**. Tajjeb niftakru li l-messaġġ li l-Madonna Ta' Pinu tat lix-xebba Karmni Grima nhar it-22 ta' Ġunju 1883 kien propju marbut ma' dan il-misteru. Il-Madonna Ta' Pinu talbet lil Karmni Grima biex ixxerred id-devozzjoni li ngħidu ta' kuljum "tliet Ave Marijiet f'ġieħ it-tlett ijiem li l-ġisem tagħha dam fil-qabar qabel ma ġie meħud fil-glorja tas-Sema''.

It-tielet ġrajja importanti fl-istorja tagħna hija dik tal-anniversarju tal-miġja tal-Papa Ġwanni Pawlu II fil-gżejjer Maltin. Kien nhar is-26 ta' Mejju 1990 li l-Qaddej ta' Alla l-Papa Ġwanni Pawlu II, fi tmiem il-Quddiesa li huwa ċċelebra fuq iz-zuntier tas-santwarju Ta' Pinu, poġġa stellarju tad-deheb fuq il-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu. Kienet ġurnata għażiża li fiha l-qatt minsi Papa mar ipoġġi lill-familja Maltija taħt il-protezzjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Tajjeb li ma ninsew qatt l-appell li għamel il-Papa lill-familja Maltija, appell biex kull familja żżomm sħiħa fl-għaqda u fil-fedeltà tagħha lejn dik il-kelma li l-koppja tkun tat lil xulxin. Il-Papa kien fakkarna li l-imħabba tal-familja tinbena biss fuq il-Kelma ta' Kristu.

Ma naħsibx li hija kumbinazzjoni li propju fis-sena ta' tant tifkiriet sbieħ għas-santwarju Ta' Pinu, sena li fiha qed infakkru l-1950 sena mill-miġja tal-Appostlu Missierna San Pawl fil-gżejjer tagħna, fi ftit jiem oħra ser nilqgħu fostna lill-Papa Benedittu XVI. U kif ħabbrilna r-ragħaj spiritwali tagħna, l-isqof Mario Grech, il-Papa ser joffri r-***"Rosa d'Oro"*** lill-Madonna Ta' Pinu. Dan ser isir bħala konferma tal-imħabba u l-qima li l-poplu Malti u Għawdxi għandu lejn il-Madonna Ta' Pinu. Dan il-ġest sabiħ irid ifakkarna wkoll li bħalma l-warda hija mimlija kollha fwieħa u fl-istess ħin fiha hemm ix-xewk, hekk ukoll il-ħajja ta' kull Nisrani hija mibnija fuq dik ta' Kristu. Ma ninsewx li Kristu miet u rxoxta biex aħna nsibu fih il-ħajja li ma għandhiex tmiem. In-Nisrani ma jista' qatt jaħrab mit-tbatija, iżda kull sagrifiċċju għandu jkun frott l-imħabba u għalhekk iwassal ukoll għall-ferħ veru.

Dawn il-ġrajjet kollha ma għandhomx iservu biss biex nagħmlu tifkira storika tagħhom, iżda jeħtieġ li jkunu għalina mezz biex neżaminaw lilna nfusna u nistaqsu: "Fejn sejrin? Wara min qed nimxu? Fuq min qed nibnu l-ħajja tagħna? Bil-mod ta' kif qed ngħixu qed nuru li aħna dixxipli ta' Kristu? Qed nuru li aħna, bħal Marija Ommna, għażilna li nkunu dejjem u kullimkien qaddejja veri ta' Kristu?''.

Ejjew nitfgħu ħarsitna fuq il-Verġni Marija biex, waqt li nuruha mħabbitna, nitolbuha żżomm idejna f'idejha biex tkompli tmexxina hi lejn Binha Ġesù, l-aktar f'dawk il-mumenti iebsa tal-ħajja ta' kuljum li fihom niġu mitluba nagħmlu l-għażliet tagħna, għażliet li juru jekk aħniex dixxipli ta' Kristu jew le.

***"Madonna Ta' Pinu, taħt ħarstek ilkoll nistkennu:***
***żomm ħarstek fuqna u fuq il-familji kollha tagħna,***
***biex ngħixu l-missjoni tagħna ta' poplu Nisrani,***
***poplu li jikber fl-imħabba tiegħu lejn Alla,***
***ħa jsaltnu fi qlubna l-hena u s-sliem tassew".*** ♦



# Il-Papa sa joffri Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu

**minn John Formosa**

L-isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech, fi tmiem il-*Via Crucis* solenni li saret fis-santwarju Ta' Pinu nhar il-Ġimgħa 19 ta' Marzu 2010, xandar lill-miġemgħa preżenti l-aħbar sabiħa li l-Q.T. il-Papa Benedittu XVI sa joffri personalment Warda tad-Deheb lil Ommna Marija Ta' Pinu waqt iż-żjara pastorali tiegħu fostna.

## X'inhi? Xi tfisser?

Din hija ornament prezzjuż u sagru magħmul minn deheb fin f'għamla ta' warda maħduma minn nies tas-sengħa. Dawn il-Wardiet, li ma jkunux dejjem tal-istess għamla, jitbierku kull sena f'nofs ir-Randan mill-Papa biex imbagħad hu jagħti minnhom lil knejjes u santwarji magħrufa bħala sinjal tal-qima kbira u d-devozzjoni li jgawdu. Sa ftit tas-snin ilu l-papiet kienu wkoll joffruhom lir-rejiet u rġejjen, jew lil persunaġġi oħra distinti Kattoliċi, bħala sinjal ta' stima u mħabba paterna. Ġieli wkoll ingħataw lil gvernijiet jew bliet għall-ispirtu Kattoliku u l-lealtà tagħhom lejn is-Santa Sede.

Id-data eżatta meta bdiet issir din id-drawwa mhijiex magħrufa. Hemm min iżomm li hi ta' qabel Karlumanju (742-814), imma oħrajn jgħidu li bdiet fi tmiem is-seklu tnax. Dak li hu ċert hu li d-drawwa kienet ġa nbdiet fl-1050, la l-Papa Ljun IX (1051) jgħid li fi żmienu d-drawwa kienet ġa qadima.

Hu kkalkulat li f'dawn l-aħħar kważi elf sena kienu mogħtija mija u tmenin Warda tad-Deheb, sebgħa minnhom fis-seklu li għadda.

## It-tberik tal-Warda

It-tberik tal-Warda ma kienx isir mill-bidu; dan beda aktar tard bl-iskop li ċ-ċerimonja tkun aktar solenni u l-Warda tqajjem aktar devozzjoni f'min jirċeviha. Aktarx kien il-Papa Innoċenz IV (1245-1254) l-ewwel wieħed li beda jbierek il-Warda. Sa minn ħafna sekli ilu t-tberik ta' dawn il-Wardiet isir fir-raba' Ħadd tar-Randan. Dak il-jum hu magħruf bħala "Ħadd *Lætare*" (kelma Latina li tfisser "Ifraħ", minħabba l-ewwel kelma tal-Introjtu). Dakinhar is-saċerdot fil-Quddiesa minflok il-vjola jista' jilbes il-lewn roża bħala sinjal ta' ferħ. Għalhekk il-Warda tad-Deheb tissimbolizza l-ferħ, u b'mod speċjali lil Kristu nnifsu li hu l-warda li ħarġet miz-zokk ta' Ġesse (ara Isaija 11:1) u ġabitilna l-akbar ferħ spiritwali.

Waqt it-tberik ta' din il-Warda, li jsir b'formola speċjali li biha jintalab kull ferħ għal min jirċeviha, il-Papa jidlikha bil-balzmu u fwejjaħ oħra (kif Kristu ġie midluk bil-fwejjaħ

wara li miet), simbolu tat-tama fil-Qawmien, iroxxha bl-ilma mbierek, u jinċensaha biex iqaddisha ħalli sservi bħala rahan ta' barka u ħarsien kontra kull deni tar-ruħ u tal-ġisem. Il-fwieħa b'mod speċjali tfisser il-fwieħa ħelwa ta' Kristu (ara 2 Kor 2:15) li għandha tkun imxerrda ma' kullimkien mid-dixxipli fidili tiegħu.

Sa xi erbgħin sena ilu kien hemm fil-Vatikan persuna magħżula, ġeneralment xi prinċep Ruman, li kellha l-inkarigu li tikkonsenja f'isem il-Papa l-Warda tad-Deheb lil xi persunaġġ jew santwarju li jindikalha l-istess Papa, imma din il-kariga spiċċat għal kollox fir-riforma tal-Qorti Pontifiċju li seħħet fl-1968.

## Persuni li rċevew il-Warda

Fost il-persunaġġi li ġew onorati b'din il-Warda nsibu lil:

- Isabella tal-Brażil, reġġenti tal-Imperu Brażiljan (1888), għat-tneħħija tal-iskjavitù fil-Brażil;
- Vittoria Eugenia ta' Battenburg (1923), reġina ta' Spanja;
- Eliżabetta (1925), reġina tal-Belġju;
- Elena ta' Savoia (1937), reġina tal-Italja, fl-okkażjoni tal-erbgħin sena taż-żwieġ tagħha [ritratt 1];
- omm Santa Marija Goretti, li kien tahielha l-Papa Piju XII, li ddikjara lil bintha qaddisa fl-1950.


1


2

Fost l-aħħar persunaġġi li rċevew din il-Warda nsibu lil Charlotte, Grandukessa tal-Lussemburgu, fl-1956. Minn dak iż-żmien id-destinazzjoni nbidlet, fis-sens li l-papiet bdew jagħtu dan il-ġest ta' unur u ġieħ l-aktar lil santwarji Kattoliċi mxerrdin mad-dinja, l-iżjed lil xi santwarju Marjan bħala rikonoxximent tad-devozzjoni kbira li l-Kristjani għandhom lejn il-Verġni Marija miqjuma f'dak is-santwarju.

## Santwarji li rċevew il-Warda

Fost is-santwarji mhux Marjani li rċevew il-Warda tad-Deheb insemmu:

- il-katidral ta' Goa, fl-Indja, fl-okkażjoni tar-raba' ċentinarju mill-mewt ta' San Franġisk Saverju, miżmum bħala l-akbar missjunarju tal-ġnus wara San Pawl (Piju XII, 1953);
- l-Oratarju ta' San Ġużepp, f'Montreal, fil-Kanada, mibdi fl-1904 mill-Beatu André Bessette (li sa jiġi kkanonizzat fis-17 ta' Ottubru 2010), li hu l-ikbar santwarju ddedikat lil San Ġużepp fid-dinja (Ġwanni Pawlu II, Ottubru 2004).

Fost is-santwarji Marjani li rċevew il-Warda nsemmu:

- is-santwarju ta' Guadalupe, fil-Messiku (Pawlu VI, 25 ta' Marzu 1976);
- is-santwarju tal-Madonna s-Sewda ta' Czestochowa, fil-Polonja (Ġwanni Pawlu II, 1979);
- is-santwarju ta' Lourdes, Franza (Ġwanni Pawlu II, Awwissu 2004).

## Il-Papa Benedittu XVI

Fost is-santwarji Marjani li rċevew il-Warda tad-Deheb mill-Papa Benedittu XVI waqt iż-żjarat appostoliċi tiegħu nsibu:



3

- tal-Madonna Reġina tal-Appostli, fil-Kamerun, fl-Afrika (17-23 ta' Marzu 2009).

Ma' dawn nistgħu nżidu dawk li l-Papa offra lil santwarji Marjani oħra fl-Italja, bħal:

- tal-Madonna ta' Loreto (1-2 ta' Settembru 2007);
- ta' Sidtna Marija tal-Ħniena, Savona (17 ta' Mejju 2008);
- tal-Madonna della Guardia, Ġenova (17-18 ta' Mejju 2008);
- ta' Sidtna Marija ta' Bonaria, f'Cagliari, Sardinja (7 ta' Settembru 2008);
- tal-Madonna tar-Rużarju, Pompej (19 ta' Ottubru 2008);
- tal-Madonna ta' Roio, fl-Abruzzi (28 ta' April 2009).



4



## Issa jmiss lil pajjiżna

Issa jmiss lix-xbieha tal-Verġni Mbierka miqjuma fis-santwarju nazzjonali tagħna Ta' Pinu, li diġà kienet ġiet imżejna bi stellarju tad-deheb mill-Qaddej ta' Alla l-Papa Ġwanni Pawlu II fiż-żjara li kien għamel f'Mejju 1990. Dan il-ġest sabiħ tal-Papa Benedittu XVI sa jkun prova oħra tad-devozzjoni kbira li l-poplu Malti għandu lejn din ix-xbieha għażiża, li tant jirrikorri lejha biex taqlagħlu l-grazzji li jkun jeħtieġ mingħand Alla. ◆



# Sub Tuum Præsidium

mill-Kapp. Dun Nazju Borg



Sa mill-ibgħad żminijiet tal-Kristjaneżmu nindunaw li l-Insara dejjem ħabbew lill-Verġni Marija, tawha l-qima tagħhom u talbu l-protezzjoni tagħha. Xhieda tal-qima lejn Marija diġà nsibuha preżenti f'kitbiet ta' awturi Kristjani sa mit-tieni seklu wara Kristu. Dan ifisser li l-kult lejn Marija kien diġà preżenti b'mod li jidher fl-ewwel mitt sena wara l-mewt ta' Ġwanni l-Evanġelista u allura l-għeluq tar-Rivelazzjoni divina.

Hekk, ngħidu aħna, Marija tissemma diversi drabi fil-kitbiet ta' San Injazju ta' Antjokja (†107). Il-kitbiet ta' dan l-isqof martri jikkonsistu f'ittri li huwa bagħat lil diversi Nsara mxerrda mad-dinja Nisranija ta' dak iż-żmien, miktuba wara l-mewt ta' Ġwanni l-Evanġelista. Mill-mod ta' kif huwa jikteb dwar Marija jidher ċar li sa minn dawk iż-żminijiet bikrija tal-Kristjaneżmu l-Insara kienu diġà jagħtu qima lil Marija bħala l-Verġni magħżula minn Alla biex tkun Omm Ibnu.

La l-Insara kienu jagħtu qima lil Marija, ma jistax jonqos li kienu wkoll jitolbuha fil-ħtiġijiet tagħhom. U propju sa żminijietna għadna ngħożżu talba mill-isbaħ lil Marija li, għalkemm l-istorja tagħha hija mitlufa fiż-żmien, aktarx li l-oriġni tagħha teħodna fis-seklu tlieta, fiż-żminijiet meta l-Insara sofrew żewġ persekuzzjonijiet kbar: dik ta' Deċju madwar is-sena 250, u dik ta' Valerjanu madwar is-sena 258. Din it-talba, li biha l-Insara għadhom isellmu sal-lum lill-Verġni Marija, hija magħrufa bħala s-*Sub tuum prœsidium – Taħt il-ħarsien tiegħek*, peress li dawn huma l-ewwel kelmiet li nsibu f'din it-talba tant sabiħa.

Tajjeb li nġibu hawn iż-żewġ verżjonijiet ta' din it-talba: dik klassika bil-Latin, u t-traduzzjoni tagħha bil-Malti kif mogħtija fil-verżjoni tal-Liturġija tas-Sigħat:

***Sub tuum præsidium confugimus,***
***Sancta Dei Genitrix,***
***nostras deprecationes ne despicias in necessitatibus,***
***sed a periculis cunctis***
***libera nos semper,***
***Virgo gloriosa et benedicta.***

**Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu,**
**Omm qaddisa ta' Alla,**
**la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek**
**fi ħtiġijietna,**
**iżda eħlisna dejjem minn kull tiġrib,**
**o Verġni glorjuża u mbierka.**

Din l-antifona hi meqjusa sal-lum l-eqdem talba Marjana li waslet sa żmienna, u nstabet fl-Eġittu fl-1917. Illum tinsab f'kollezzjoni privati ta' John Rylands f'Londra. Fl-istorja tal-Marjoloġija din it-talba għandha valur u importanza fundamentali minħabba r-rikkezza kbira tal-kontenut teoloġiku tagħha.

Hu tassew interessanti t-titlu, li nsibu f'din it-talba, ta' *"Dei Genetrix"*, bil-Grieg *"Theotokos"*, jiġifieri "Omm Alla" Kull privileġġ li bih imżejna Marija huwa konsegwenza tal-privileġġ prinċipali li bih Alla żejjen lix-Xebba ta' Nazareth: **il-Maternità divina tagħha**. Marija hija t-*Theotokos*, Omm Alla, għax hekk kif qalet "iva" lill-anġlu mibgħut għandha minn Alla, l-Iben ta' Alla sar bniedem, tnissel u ssawwar minnha u fiha. Hija l-Omm ta' Alla għax il-Verb ta' Alla sar il-frott ta' ġufha.

Tajjeb li ninnutaw li sa miż-żminijiet qabel inkitbet it-talba *Sub tuum præsidium* l-Insara kienu diġà jsejħu lil Marija bit-titlu sabiħ ta' "Omm Alla". Nafu li fis-seklu tnejn Aristide Marciano, filosfu Grieg minn Ateni, isejjaħ hu wkoll lil Marija *"Theotokos"*, ġenetriċi ta' Alla, fl-Apoloġija li offra lill-imperatur Adrijanu bejn is-snin 123 u 126. Aktarx li din hija l-ewwel xhieda bil-miktub li għandna ta' dan it-titlu Marjan, li mbagħad ġie kkonfermat fil-Konċilju ta' Efesu, fl-431.

F'din it-talba tas-*Sub tuum præsidium* l-Insara jsejħu lil Marija bit-titlu "O Verġni". Għax Marija hija Verġni qabel it-twelid ta' Binha Ġesù, Verġni fit-tnissil u fit-twelid tiegħu, u Verġni wkoll wara t-twelid. Jgħidilna San Luqa li l-anġlu ta' Alla ġie mibgħut f'belt tal-Galilija, jisimha Nazareth, "għand xebba mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi, mid-dar ta' David. Din ix-xebba kien jisimha Marija" (Lq 1:26-27). U lil din ix-xebba l-anġlu tal-Mulej ħabbrilha li ġiet magħżula minn Alla biex tkun l-Omm ta' Ibnu Ġesù. Marija nisslet lil Ġesù fil-verġinità tagħha, għax nisslitu bil-virtù, bil-qdusija u bl-imħabba tal-Ispirtu s-Santu. Għalhekk it-tnissil ta' Ġesù f'Marija ma kienx wieħed naturali imma sopranaturali; ma kienx bis-sehem ta' xi bniedem ieħor imma bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu: **"L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek"**, qal l-anġlu lil Marija (Lq 1:35). Marija ma setgħetx tnissel lil Ġesù b'mod naturali, għax dan Binha, kif ngħidu fil-Kredu, hu "Alla minn Alla, Dawl minn Dawl". Qalilha l-anġlu lil Marija: "Dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla" (Lq 1:35). Għalhekk l-Insara, sa miż-żminijiet imbiegħda, kif tixhed din it-talba tas-*Sub tuum præsidium*, sejħu lil Marija dik li hi "dejjem verġni", bil-Grieg *"aeipatenos"*.



Żewġ titli sbieħ li jagħtu l-ewwel Insara lil Marija f'din it-talba huma "glorjuża u mbierka". Għaliex glorjuża? Għaliex imbierka? Tgħidilna Marija nfisha: **"Għax is-Setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar"** (Lq 1:48). Alla sammar għajnejh fuq din il-Mara singulari u tassew għamel magħha "ħwejjeġ kbar". Alla għamel ħwejjeġ kbar mar-ruħ ta' Marija meta nissilha bla tebgħa tad-dnub, meta għamilha l-Immakulata. Alla għamel ukoll ħwejjeġ kbar mal-ġisem ta' Marija meta għamilha rebbieħa fuq il-mewt, għamilha l-Assunta. U kien jixraq li din il-Mara, li Ġwanni l-Evanġelista fil-ktieb tal-Apokalissi raha liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u bil-kuruna tat-tnax-il kewba fuq rasha, tkun "glorjuża u mbierka", għax hija dik li ġiet imżejna bl-akbar ġieħ, bl-akbar dinjità: dik li tkun Omm l-Iben ta' Alla magħmul bniedem.

**"Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu"**, tennew l-ewwel Insara fit-talb tagħhom lil Marija. Lejha resqu fil-ħtiġijiet tagħhom biex jitolbu l-għajnuna tagħha. U dan għaliex dik li hi "Omm l-Iben ta' Alla" hija wkoll l-Omm

(ikompli f'paġna 9)

# Il-Verġni mqaddsa Marija: ħarsien tal-Fidi tagħna

**minn Patri Anton Farrugia ofm**



Marija hija tassew *ħienja* għaliex kif tgħidilha Elizabetta, omm Ġwanni l-Battista, *emmnet li jseħħ kull ma bagħat jgħidilha l-Mulej* permezz tal-Anġlu Gabrijel (ara Lq 1, 45). Jekk¯akkarija ma emminx li martu fi xjuħitha setgħet titqal u tiled iben, Marija emmnet u għax emmnet nisslet fi ħdanha l-Iben ta' Alla bla ma għarfet raġel.

Imwettqa mill-istess fidi, Marija mxiet wara Ġesuĭ sa taħt is-Salib hekk li bir-raġun kollu tista' titqies bħala *l-ewwel u l-aqwa fost id-dixxipli tal-Mulej* kif jgħallem il-Papa Pawlu VI (ara *Marialis cultus,* 35).

Fuq il-kalvarju ssieħbet ma' Binha fit-tbatija u l-mewt tiegħu; mqawwija mill-fidi kbira li kellha, emmnet fil-qawmien ta' Kristu mill-imwiet u fil-fidi stenniet li sseħħ il-wiegħda tal-Missier.

Kif jgħid il-Kon'ilju Vatikan II, il-Verġni Marija *daħlet tant il-ġewwa fil-ġrajja tas-salvazzjoni* li bħala dixxiplu tal-Mulej, *ħaddnet il-veritajiet ewlenin tal-fidi u xandrithom lil kulħadd* (ara *Lumen gentium,* 65).

It-tnisil bla tebgħa ta' Marija, wera kemm kien ħieles u ta' qalb kbira Alla fl-għa¿la tal-mezzi tal-grazzja. Meta l-Madonna laqgħet it-tħabbira tal-Mulej u ssieħbet fl-opra tal-fidwa, wriet x'inhu s-sehem tal-bniedem u x'qawwa għandu fil-pjan tas-salvazzjoni; u meta bħala verġni tat it-twelid lil Kristu u saret omm, Marija wriet li hu kien veru Alla u veru bniedem.

Il-ħajja qaddisa tal-Omm ta' Alla u l-imġiba kollha tagħha bħala verġni, għarusa u omm, ħabbret minn qabel x'kellha tkun il-Knisja li tagħha hija x-xbieha l-aktar perfetta u mtellgħa fis-sema hija turi minn issa x'se jkun il-bniedem fil-glorja ta' dejjem.

Il-Verġni mqaddsa Marija, hija u ssaltan glorju¿a fis-sema, fuq din l-art tagħmel ħidma misterju¿a, hija u tħares u twettaq il-fidi ta' wliedha li sa mill-eqdem ¿minijiet talbu u qiemu lill-Madonna bħala ħarriesa tal-fidi tagħhom. Hekk nitolbu fil-Kolletta tal-Quddiesa f'ġieħ il-Verġni mqaddsa Marija, *ħarsien tal-fidi tagħna*:

*O Alla ta' dejjem li tista' kollox,*
*int tajt lil Verġni Marija,*
*l-Omm glorju¿a ta' Kristu,*
*biex tkun ta' ħarsien*
*għal dawk kollha li jitolbuha:*
*agħtina li bit-talb tagħha*

*aħna nkunu qawwijin fil-fidi,*
*sħaħ fit-tama u dejjem imħeġġa bl-imħabba.*

L-istorja ta' ġensna u tal-Ewropa, bis-santwarji marjani li nbnew matul i¿-¿minijiet huma xhieda tal-fidi u t-tama li l-popli qiegħdu f'Marija meta t-twemmin tagħhom kien mhedded għaliex kif nitolbu fil-Prefazju, Marija *tiddi għall-Insara bħala dawl ta' tama u ħarsien fil-fidi.*

Ir-rebħa tal-Maltin fuq it-Torok fl-1565 għamel mill-jum tat-8 ta' Settembru waħda mill-aqwa festi tal-Madonna u l-Papa San Piju V ried jafda l-battalja navali ta' Lepanto f'idejn Marija u b'radd ta' ħajr għar-rebħa waqqaf fis-7 ta' Ottubru, l-festa tar-Ru¿arju.

Tabilħaqq, kif ikantaw l-Insara tal-Lvant, l-Omm qaddisa ta' Alla teqred l-ere¿iji kollha, tgħaffeġ il-qawwa tal-ħa¿en u ġġib fix-xejn il-qerq tal-idoli (ara l-innu *Akatistos,* 111-112).

F'din l-istess Quddiesa, nitolbu biex *bl-interċessjoni tal-Omm ħelwa tal-Feddej, in¿ommu sħaħ fil-fidi* (ara t-talba fuq l-Offerti) u sabiex *imwettqin bil-ħarsien tal-Verġni Marija, ngħo¿¿u l-preċetti tal-fidi fid-dinja ħa jkun jistħoqqilna naslu fis-sebħ tas-sema* (ara Talba wara t-Tqarbin).

Ta' min jgħid li l-ewkoloġija tal-Quddiesa f'ġieħ Marja ħarsien tal-fidi, hija fil-biċċa kbira tagħha meħuda mill-formularju tal-Quddiesa tal-Madonna tal-Pilar għal Spanja, fejn jinsab santwarju magħruf ħafna fil-belt ta' Saragozza.



F'pajji¿na, d-devozzjoni lejn il-Verġni mqaddsa tal-Pilar ġabuha magħhom il-Kavallieri, li meta bnew il-Berġa ta' Aragona fil-Belt Valletta, ħdejha bnew ukoll knisja ddedikata lill-Madonna tal-Pilar. ♦

(ikompli minn paġna 7)

## Sub tuum Præsidium

tagħna. Anzi, propju għaliex hija l-Omm ta' Ġesù hi tabilħaqq l-Omm tagħna. Filwaqt li ta' Ġesù hija l-Omm naturali, tagħna hija l-Omm spiritwali, għax tatna lil Binha Ġesù, tatna l-ħajja ta' dejjem (Ġw 5:12). Lil Ġesù nisslitu fiżikament f'Nazareth, lilna nisslitna spiritwalment fuq il-Kalvarju. San Bernard jgħidilha: "Għalhekk il-ġnus kollha jsejħulek imbierka, għax int nissilt il-ħajja u l-glorja għall-umanità. Permezz tiegħek it-twajba jsibu l-grazzja u l-midinba jsibu l-maħfra".

It talba *Sub tuum præsidium* turi ċar li dan it-twemmin fil-kobor, fil-qdusija u fl-interċessjoni ta' Marija kien preżenti fil-Knisja sa mill-ewwel żminijiet tagħha. Sa mill-ibgħad żminijiet l-Insara resqu lejn Marija biex ifaħħruha għal dak kollu li għamel magħha l-Mulej. Fuq kollox din it-talba tindika biċ-ċar li lejha resqu l-Insara sa mill-ewwel żminijiet biex jitolbu l-għajnuna tagħha fiż-żminijiet imwiegħra ta' tiġrib għalihom u għall-fidi tagħhom. ♦

# Restawr fuq pitturi ta' Emvin Cremona fis-Santwarju ta' Pinu

*mir-restawratur Godwin Cutajar*

## Storja u Teknika:

Il-pittura "Waqgħa ta' Kristu taħt is-Salib" ta' daqs 130cm X 97.5cm hi magħmula fuq it-tila b'żebgħa li probabli għandha ż-żejt bħala legant. It-tila għandha strat preparatorju *undercoat* lewn abjad; it-tila u l-istrat preparatorju t-tnejn huma rqaq ħafna u t'għamla ndustrijali. Fil-biċċa l-kbira l-pittura hi maħduma b'velaturi opaki, kultant b'żebgħa iktar ħoxna. L-istrati pittoriċi (preparazzjoni u żebgħa) huma tant fini li n-nisġa tat-tila għadha tidher fuq il-pittura. Iż-żona tas-sema hi miżbugħha bil-porporina lewn id-deheb. Il-pittura m'hix iffimata u anqas fiha d-data.

L-artist jidher li biddel xi ftit (*pentimenti*) mill-figura ta' Kristu:

- Għabtu l-leminija qabel kienet sa tkun iktar 'il fuq
- Il-perimetru mimdud t'isfel ta' siequ l-leminija kien sa jkun ukoll iktar 'il fuq.

Il-pittura ma jidhirx li kellha xi nterventi ta' konservazzjoni u restawr qabel dan preżenti u waslet sa żmienna mrambla.

## Stat ta' Konservazzjoni:

L-istat ta' konservazzjoni ta' din il-pittura hu aċċettabli. It-tila tilfet mill-elastiċita` tagħha u fiha xi taqtigħ żgħir, toqob u ksur. Il-pittura tilfet irqajja' ta' żebgħa li waqgħu u ntilfu (*lacunae*). Instabet imrambla tul id-daqs il-qasir; jista' fl-imgħoddi kien tqiegħed fuqha xi piż tqil, u għalhekk kemm it-tila kif ukoll iż-żebgħa għandhom xi ksur tul din in-naħa. Xi deformazzjonijiet strutturali li fiha ma tantx jagħtu fil-għajn.

Il-pittura għandha xi trab ħafif li nġabar fuqha maż-żmien. Ma' ras iż-żiemel, fl-isfond ħdejn ras is-suldat u ma' qadd Kristu hemm xi materja estranja kannella.

## Konservazzjoni u Restawr:

Il-qagħda strutturali tal-pittura kienet fi stat li l-interventi ta' konservazzjoni setgħu isiru b'mod lokalizzat. In-naħa ta' wara tal-pittura ġiet imfarfra b'pinzell mit-trab li kien fiha. Partijiet dgħajfa fit-tila bħal ksur, toqob jew taqtigħ żgħir ġie msaħħaħ b'konsolidant termoplastiku. Il-pittura



Rit. 1



Rit. 2





**GRAZZI LIL BANK OF VALLETTA LI QED JIFFINANZJA**

mbagħad ġiet miġbuda fuq tilar ta' l-injam b'ġonot espandibli bil-kavilji.

Wara li saru l-provi tat-tindif (rit. 1 u 2), in-naħa l-impittra ġiet imnaddfa b'sistema mekkanika u kimika. Il-materja kannella kienet iebsa wisq biex titneħħa kollha.

Il-*lacunae* fiż-żebgħa ġew mimlija b'żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi opaki, dan għax il-kuntest tagħhom kien jindika kif kienu. Il-*lacunae* fl-isfond dehebi ġew mimlija b'taħlita ta' żebgħa tal-varniċ b'konsistenza ta' velaturi trasparenti ftit iżjed ċari mill-kuntest (*a sotto tono*): dan kien mod "nadif" kif setgħu jiġu trattati dawn il-*lacunae* fil-kuntest tal-porporina. Hekk il-pittura tidher iktar magħquda. Xi partijiet fejn l-*undercoat* ukoll kien nieqes ġew l-ewwel mimlija bi stokk għax kienu fondi.

Dan ix-xogħol ta' konservazzjoni u restawr inbeda fi Frar u tlesta f'Mejju 2006. Tul il-perimetru l-pittura twaħħlitilha lista wiesgħa 1.3cm ta' l-injam bil-varniċ biex tgħatti t-tila mitwija u l-imsiemer.

## Konservazzjoni Preventiva:

Il-pittura konservata u restawrata (rit. 3) ddendlet fis-sagristija u mużew tas-Santwarju Ta' Pinu. Il-pittura għandha tkun ventilata, m'għandhiex tixxarrab, u għandha tkun osservata kull sitt xhur fuq quddiem kif ukoll fuq wara ħalli jsir intervent ta' konservazzjoni u restawr minnufih jekk maż-żmien tkun qed issirilha xi ħsara.♦



*Rit. 3*

# Omm Qaddisa... taħt il-mant tiegħek ilqagħna



*mill-Arċ. Mons Carmelo Refalo*

Il-Knisja tal-bidu ffokat l-attenzjoni tagħha fuq il-persuna ta' Kristu; it-tagħlim, il-Konċilju u l-Apoloġetika kellhom rabta speċjali mat-Tieni Persuna tat-Trinità Qaddisa. Lejn it-tieni nofs tar-raba' seklu s-Santi Padri jibdew jixħtu l-attenzjoni tagħhom fuq Marija, liema diskors u tagħlim iżommu l-figura tal-Knisja f'paralleliżmu mal-Verġni Marija. Wara l-Konċilju ta' Efesu (431) u l-Konċilju ta' Kalċedonja (451) jibdew jiżdiedu t-tagħlim u r-riflessjoni tal-Missirijiet tal-Knisja fuq il-Verġni Mbierka. L-omeliji u d-diskorsi jibdew ipoġġu lil Marija bħala mudell li n-Nisrani għandu jimita, u mal-medda tas-snin, l-aktar permezz tal-innijiet *Akathistos*, *Sub tuum præsidium* u *Alma Redemptoris Mater*, u tal-poeżija reliġjuża flimkien ma' invokazzjonijiet, il-Knisja bdiet issejjaħ l-għajnuna u l-interċessjoni tal-Verġni Mbierka. F'din il-paġna sa nieħu ftit testi tal-Missirijiet tal-Knisja li jixhdu għar-rabta u l-fiduċja tal-poplu Nisrani li jirrikorri għall-interċessjoni tal-Omm Qaddisa biex tidħol għalih quddiem Alla.

## "Hi baqgħet ħdejn is-salib ta' Ġesù", San Ambroġ (†397)

L-Isqof ta' Milan jagħti l-ewwel tagħlim importanti fil-qasam tal-Marjoloġija. F'wieħed mit-trattati tiegħu jagħti kummentarju għall-passaġġ tal-Vanġelu: Marija wieqfa ħdejn is-salib ta' Binha. Kulħadd telaq u ħarab, imma hi baqgħet hemm b'qalb maqsuma, kienet tara l-pjagi u l-martirju ta' Binha mdendel fuq is-salib, il-vittma tas-sagrifiċċju, waqt li l-Omm toffri t-tbatija tagħha. Il-mewt ta' Ġesù seħħet għas-salvazzjoni ta' kulħadd. Il-mewt tiegħu ser tisfa ta' ġid għall-umanità bla ma kellu bżonn min jgħinu.[1] Dan narawh fil-kliem ta' Isaija l-profeta: "Ara, ħarist u ma sibtx min jgħini…".[2]

## "Ħu b'eżempju lil Marija", San Ġrolmu (†419)

Dan il-qaddis għex fiż-żmien ta' San Ambroġ u Santu Wistin, u bħalhom ta kontribut mhux żgħir fil-qasam tal-Marjoloġija, l-aktar biex jiddefendi l-verġinità ta' Marija kontra dawk li kienu jikkwotaw l-Iskrittura biex jiċħdu din il-verità, jiġifieri li Marija hi Verġni u Omm Alla. San Ġrolmu kien segretarju tal-Papa Damasu (382) u kien hu li waqqaf diversi komunitajiet monastiċi. Jikkummenta l-kelmiet "iżżomm dawn il-ħwejjeġ f'qalbha u toqgħod taħseb fuqhom''. Kienet midħla tal-Kelma ta' Alla u allura kienet timmedita l-Kelma.[3] San Ġrolmu jipproponi lill-Verġni Mbierka bħala mudell għall-Insara kollha: "Ħudu b'eżempju

lill-Verġni Mbierka, li s-safa tagħha hu tant kbir li stħaqqilha li tkun Omm il-Feddej''.[4] Lil Dik li nimitawha fil-virtujiet tagħha, Ġesù tahielna ħdejn is-salib biex tidħol għalina għax hi Ommna.

### "Bla dell ta' ħtija", Santu Wistin, isqof ta' Ippona (†430)

Dan il-qaddis witta t-triq, fl-għerf tiegħu, biex iħejji l-Marjoloġija tal-futur, minħabba t-tagħlim mogħti fuq Omm il-Feddej. Bħal San Ambroġ, Santu Wistin jgħallem fuq il-Verġni Mqaddsa li twieldet mingħajr dnub jew imperfezzjoni minħabba l-grazzja speċjali ta' Alla, kif jixhed it-test famuż *De Natura et Gratia*: "B'eċċezzjoni waħdanija l-Verġni Mbierka, bi grazzja unika ta' Alla, ma messitx mad-dnub. Kif nistgħu inqisu l-abbundanza tal-grazzja li Alla taha, jekk mhux għax nisslitu u wilditu mingħajr dell ta' ħtija?''.[5]



### "Permezz tiegħek twarrad is-sbuħija tal-Qawmien", San Ċirillu ta' Lixandra (†444)

Il-figura tal-Patrijarka ta' Lixandra hi marbuta ħaġa waħda mal-Konċilju ta' Efesu. Kien San Ċirillu ta' Lixandra li introduċa l-istil ta' priedki b'retorika ta' tifħir lill-Verġni Mbierka, minħabba l-imħabba u d-devozzjoni tiegħu lejn Marija *Theotokos*. Kien permezz tat-*Theotokos* (Omm Alla) li Alla wettaq il-pjan tas-salvazzjoni. Fil-priedka li baqgħet imsemmija, San Ċirillu juri l-kobor tal-Verġni Marija u jagħti tagħlim fuq Marija l-Medjatriċi:

"Insellimlek, o Marija *Theotokos*.
Permezz tiegħek jitkellmu l-ilsna tal-profeti
u r-ragħajja jgħannu l-għana tal-Mulej...
l-anġli u l-arkanġli jgħannu għana ferrieħi...
il-Maġi jiġu jinxteħtu f'adorazzjoni...
id-dinjità tat-tnax-l Appostlu
tiġi merfugħa 'l fuq...
Ġwanni qabeż bil-ferħ fil-ġuf...
il-musbieħ jadura lid-dawl ta' dejjem.

Fuqek jitkellmu l-vanġeli...
Imbierek min ġej f'isem il-Mulej (Lq 19:38)...
Permezz tiegħek twaqqfu l-Knejjes
li għandhom fidi ortodossa,
Knejjes li twaqqfu fir-raba',
fil-villaġġi u fl-ibliet...
Permezz tiegħek twarrad is-sbuħija
tal-qawmien mill-imwiet...
il-Magħmudija li biha
qaddist l-ilma tal-Ġordan...
li bih tqaddes Ġwanni u l-istess ilma
li bih ġie mgħammed...
Permezz tiegħek, o Marija,
naraw il-qerda tax-Xitan''.[6] ♦

---

**Riferenzi**


1 San Ambroġ, *De Institutione Virginis,* 49, PL 16, 333.
2 Isaija 63.
3 San Ġrolmu, *Homilia de Nativitate Domini*, PLS II, 189.
4 San Ġrolmu, *Epistola*, 22, 38. PL 22, 422.
5 Santu Wistin, *De Natura et Gratia*, 36, 42; PL 44, 267 CSEL 60, 236.
6 San Ċirillu, *Homily* 11, PG 77, 1030.



# Taf x'qed Titlob?

## Riflessjoni fuq it-talba "Sub tuum"

*minn Dun Alex Refalo*

### "Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu, Omm qaddisa ta' Alla"

L-ulied qed jgħajtu mugħuġa, mifxula, mitlufa. Iva, qed ifittxu l-kenn ta' omm, ta' Ommhom Marija. Huwa l-kenn mill-maltemp tal-ħajja, mis-slaleb ta' kuljum, mill-weġgħat li qalbna tittaqqal bihom minn ħin għall-ieħor, mit-toqol tal-egoiżmu, mis-solitudni li kull ma jmur dejjem qed taħkimna, mill-ħafna biżgħat dwar il-passat, il-preżent u l-futur, u min-nuqqas ta' kapaċità li nħobbu. L-ulied qed jiġru wara Ommhom biex tħarishom. Il-ħarsien li qed jistennew mingħand Marija huwa marbut mal-kelma "ħars", li tfisser il-ħarsa tal-imħabba marbuta mal-ħarsa ta' attenzjoni fuq dak kollu li wieħed jista' jqisu ta' ħsara. Hekk f'dik il-karba għall-ħarsien hemm it-tfittxija għall-protezzjoni, għas-sigurtà.

Il-kenn jinsab taħt il-ħarsien tal-"Omm Qaddisa ta' Alla", dik li fir-rakkont tat-twelid ta' Ġesù hemm miktub li "wildet l-ewwel iben tagħha" (Lq 2:7). Tassew Ġesù kien "l-ewwel iben tagħha", għax l-ulied li ġew wara huma aħna: "Hawn hi ommok" (Ġw 19:27)! Mela taħt dan it-titlu, "Omm Qaddisa ta' Alla", hemm ukoll il-kelma "ommi", hemm l-imħabba tal-Omm lejn binha jew lejn bintha: "Taħt il-ħarsien tiegħek jiena nistkemm, Ma".

Din it-talba hija mimlija tama. Forsi aktar minn hekk, hija talba mimlija biċ-ċertezza li l-bniedem dgħajjef ser isib min jisimgħu, jgħinu u jqawwih. Id-dgħufija tal-iben tinqabad mill-kalamita tal-qalb tal-Omm. U Marija ser tersaq lejn Ġesù, hija u ġġorr fuq spallejha lil uliedha mugħuġa, mifxula u mitlufa, bħalma ried minna Pawlu meta qalilna biex inġorru l-piżijiet ta' xulxin (ara Gal 6:2), u bħalma Kristu tgħabba bid-dnubiet tagħna (ara 1 Pt 2:24 u Lhud 9:28). Hemm hija tinter'edi għal uliedha quddiem Binha, l-iżjed għal dawk li lejha jersqu jitolbuha l-għajnuna. Kif jista' Alla ma jagħtix kas tal-piżijiet ta' Ommu li tinsab quddiemu

"wieqfa, imbikkija'' minħabba wliedha? "Imbagħad Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq? Ser joqgħod itawwal magħhom? Jiena ngħidilkom li malajr jagħmlilhom ħaqq'' (Lq 18:7-8)! Iva, Alla ma jistax ma jismax it-talba ta' Ommu Marija.

## "la twarrabx minn quddiemek it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna"

"La twarrabx'', għalhekk, "il-ħtiġijiet tagħna''... Kif tista' omm twarrab it-talba, jew aħjar il-karba għall-għajnuna ta' wliedha? Dan kien il-fatt li wassal lil Ġwanni Pawlu II biex fl-1982, f'Fatima, jafda d-dinja lill-Qalb ta' Marija. Ried li dejjem u f'kull waqt Marija tressaq lid-dinja, bil-problemi tagħha, quddiem Binha, li, frott tal-imħabba tal-Missier lejn il-bniedem, ġie mibgħut biex "kull min jemmen fih ma jintilifx, imma jkollu l-ħajja ta' dejjem'' (Ġw 3:16), u li huwa stess ried jikkonsagra lilu nnifsu għal dawk l-iktar qrib tiegħu: "U jien minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità!'' (Ġw 17:19). Hija l-Knisja li qed tgħid lil Marija: "Qegħidni bħal siġill fuq qalbek, siġill fuq driegħek'' (Għan 8:6), biex ma tinsina qatt quddiem Binha Ġesù, dak li ta kull garanzija li "min jitlob jaqla', min ifittex isib, u min iħabbat jiftħulu" (ara Mt 7:7).

## "u eħlisna dejjem minn kull tiġrib, o Verġni glorjuża u mbierka"

Kull tiġrib materjali u spiritwali, kull tiġrib li jmiss il-ġisem u r-ruħ, irridu li Marija tpoġġih taħt il-ħarsien tagħha. Imma l-ikbar bżonn, l-ikbar ħsara li l-bniedem jista' jsib ruħu fiha hija meta l-bniedem jitlef kull direzzjoni ta' ħajtu u jitlef lil Alla. U bir-raġun il-midneb, jew dak li jsib lilu nnifsu mgħaffeġ taħt it-tentazzjonijiet, jersaq lejn Marija mwielda bla dnub, rebbieħa fuq kull ħażen, dik li x-Xitan ma kellu l-ebda setgħa fuqha, il-mimlija bil-grazzja. B'fidu'ja kbira l-iben imġarrab jersaq lejn dik li l-ispirtu tal-ħażen ma seta' jsib fiha l-ebda bieb imbexxaq fejn seta' jidħol u jgħammar.

* * *



Tkun ħaġa sabiħa li jiena u nirrepeti din it-talba nsemmi l-isem tat-tiġrib li fil-preżent inkun għaddej minnu; ngħidu aħna, wara l-frażi "eħlisna minn kull tiġrib'' nista' nżid "...b'mod partikulari d-diqa li bħalissa qed ittaqqalni...", jew "il-mard li qed ikissirni...", jew "in-nuqqas ta' maħfra li qed ibegħidni minn Ibnek Ġesù", jew frażijiet oħrajn.

Din it-talba, li ħafna qaddisin, bħal San Ġwann Bosco, kienu jirrikorru għaliha, hija l-istedina biex jien inkompli nqiegħed taħt il-ħarsien ta' Marija mhux biss lili nnifsi imma wkoll lill-għeżiez tiegħi. Ngħidu aħna, omm ippreokkupata bit-tifel li qed jinkwetaha jew li jinsab 'il bogħod minnha, tista' ssib il-faraġ tagħha f'din it-talba: "Marija, inħalli taħt il-ħarsien tiegħek lill-għażiż ibni... Hu ħsiebu int fin-nuqqas tiegħi. Inti taf bil-perikli kbar li jista' jħabbat wiċċu magħhom... Ħarsu, nitolbok, b'imħabbtek ta' Omm..."; "Taħt il-ħarsien tiegħek, Omm qaddisa ta' Alla, inkennen lil... (semmi l-isem tal-persuna). La twarrabx minn quddiemek it-talb li qed nagħmillek fi ħtiġijieti u eħles lilu/lilha dejjem minn kull tiġrib, o Verġni glorjuża u mbierka''.♦



# Skola Marjana

minn John Formosa

*Nota editorjali*
*Dan huwa l-isem li qed nagħtu lil din is-sensiela ġdida ta' artikli li ser jidhru fir-rivista tagħna. Ix-xewqa tagħna hija li permezz ta' dawn il-paġni nitgħallmu xi ħaġa aktar dwar kliem, simboli u persunaġġi li huma marbuta mal-Verġni Marija. Għalhekk immorru l-iskola biex nitgħallmu xi ħaġa, u nittamaw li dak li nitgħallmu minn dawn il-paġni jkompli jkabbar fina l-għarfien u l-imħabba vera lejn l-Omm tagħna tas-Sema.*

## Antifoni Marjani

B'antifoni Marjani nifhmu innijiet li jirrigwardaw lill-Verġni Mbierka. L-aktar erbgħa magħrufin huma dawk li jingħadu fil-Liturġija tas-Sigħat wara t-Talba ta' Għeluq il-Jum, kif ukoll fl-Uffiċċju ż-Żgħir tal-Madonna. Dawn huma: (a) l-*Alma Redemptoris Mater*, (b) l-*Ave Regina Cælorum*, (ċ) ir-*Regina Cæli*, u (d) is-*Salve Regina*. L-isem tagħhom ġej mill-ewwel kelmiet tal-innu bil-Latin.

Ir-*Regina Cæli* hi magħrufa ħafna fost il-Kattoliċi għax tingħad minflok it-talba tal-*Angelus* fiż-żmien tal-Għid. Bla dubju hi magħrufa aktar is-*Salve Regina*, li tingħad ġeneralment bħala parti mit-talba tar-Rużarju.

Dawn l-innijiet kellhom il-bidu tagħhom fl-ambjenti ¬isterċensi, Dumnikani u reliġjużi oħra fis-seklu tlettax. Il-Franġiskani bdew jużawhom l-erbgħa wara l-kapitlu ġenerali tal-1249. Fl-1350 iddaħħlu fil-Liturġija tas-Sigħat, u fl-1568 saru obbligatorji għall-Knisja tal-Punent. Kull waħda minnhom titkanta bl-istil Gregorjan u ġiet ukoll immużikata minn mużiċisti ta' fama internazzjonali.

Hawn se nagħtu tagħrif qasir fuq kull waħda minn dawn l-antifoni.

### a) Alma Redemptoris Mater

Din l-antifona Marjana titkanta jew tingħad fi tmiem it-talba tal-Brevjar, wara l-Kompieta, mill-Għasar tas-Sibt ta' qabel l-ewwel Ħadd tal-Avvent sat-tieni Għasar tal-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej (li qabel kienet tissejjaħ il-Purifikazzjoni tal-Imqaddsa Verġni Marija). L-isem tal-antifona bil-Malti jfisser "Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej".

Min kiteb din it-talba ma nafux b'ċertezza, imma aktarx li kien il-Beatu Ermannu (jissejjaħ Contractus għax kien izappap), raħeb ta' Reichenau (fil-Ġermanja) li għex bejn l-1013 u l-1054, u li kiteb mhux biss il-kliem imma wkoll il-mużika oriġinali.

Għal aktar tagħrif u kummentarju fuq din it-talba, wieħed jista' jaqra dak li kiteb l-isqof

emeritu Mons. Nikol Ġ. Cauchi f'din ir-rivista, fil-ħarġa ta' Jannar-Marzu 2007, paġni 23-25.

Il-kliem kollu tal-innu hu kif ġej, bil-Latin u bil-Malti:
*Alma Redemptoris Mater, quæ pervia cæli porta manes, et stella maris, succurre cadenti, surgere qui curat, populo: tu quæ genuisti, natura mirante, tuum sanctum Genitorem, virgo prius ac posterius, Gabrielis ab ore, sumens illud Ave, peccatorum miserere.*

Omm ħelwa ta' Kristu l-Feddej,
int bieb illi jagħti għas-Sema,
int kewkba tal-baħar, Marija.
Ħarisna mill-waqgħa, kun magħna,
għajnuna tal-poplu l-maħtur,
li b'għaġeb nissilt 'il Min ħalqek,
fis-siegħa li lqajt it-tislima
li tak Gabrijel, u bqajt xebba,
kif qabel, hekk wara t-tnissil:
ħenn, Omm, għal uliedek midinba.

## b) Ave Regina Cælorum

Din l-antifona Marjana taf il-bidu tagħha għall-ħabta tas-seklu tnax. Jidher li bdiet f'ambjent monastiku u l-awtur tagħha mhuwiex magħruf, għalkemm hemm min attribwiha wkoll lill-Beatu Ermannu. Din l-antifona tradizzjonalment tingħad wara l-Kompieta, mill-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej (2 ta' Frar) sal-Erbgħa tal-Ġimgħa Mqaddsa. Il-versett li jingħad wara u t-tweġiba oriġinarjament jidhru, kif jinnota San Ambroġ, fil-kitbiet ta' San Efrem tas-Sirja (306-373).

It-talba qed nagħtuha bil-Latin u bil-Malti:
*Ave, Regina cælorum.*
*Ave, Domina Angelorum.*
*Salve, Radix, salve, Porta,*
*ex qua mundo lux est orta.*
*Gaude, Virgo gloriosa,*
*super omnes speciosa.*
*Vale, o Valde decora,*
*et pro nobis Christum exora.*

*V/. Dignare me laudare te, Virgo sacrata.*
*R/. Da mihi virtutem contra hostes tuos.*

Is-sliem, o Sultana tas-Sema,
Sidt l-anġli;
int l-għerq u l-bieb safi
mnejn ġie dawl id-dinja.
O Verġni glorjuża, ta' ġmiel u sbuħija,
is-sliem għalik!
Itlob lil Kristu għalina.

## ċ) Regina Cæli

Mhux magħruf min kiteb dan l-innu. Leġġenda tgħid li l-Papa San Girgor il-Kbir sema' l-anġli jkantaw l-ewwel tliet versi nhar Ħadd il-Għid f'Ruma, waqt li kien miexi ħafi f'purċissjoni reliġjuża bl-ikona tal-Verġni Marija mpittra minn San Luqa; hu mbagħad kien ispirat biex iżid ir-raba' vers. Imma l-istil tal-innu hu Medjevali, u aktarx hu tas-seklu għaxra jew ħdax. Din it-talba, b'dispożizzjoni tal-Papa Benedittu XIV (2 ta' April 1742), tieħu post it-talba tal-*Angelus* minn Ħadd il-Għid sa nhar Għid il-Ħamsin.

Bil-Latin u bil-Malti:
*Regina cæli, lætare, alleluia,*
*quia quem meruisti portare, alleluia,*
*resurrexit, sicut dixit, alleluia:*
*ora pro nobis Deum, alleluia.*





*Gaude et lætare, Virgo Maria, alleluia,*
*quia surrexit Dominus vere, alleluia.*

*Oremus: Deus, qui per resurrectionem Filii tui, Domini nostri Iesu Christi, mundum lætificare dignatus es: præsta, quæsumus, ut per eius Genetricem Virginem Mariam, perpetuæ capiamus gaudia vitæ. Per eundem Christum Dominum nostrum. Amen.*

Sultana tas-Sema, ifraħ, hallelujah,
għax dak li stħaqqlek tkun Ommu, hallelujah,
qam minn bejn l-imwiet, kif kien qal, hallelujah:
itlob 'l Alla għalina, hallelujah.
Ifraħ u thenna, Verġni Marija, hallelujah,
għax il-Mulej qam tassew, hallelujah.

## d) Salve Regina

Din it-talba tant magħrufa kienet attribwita lil diversi awturi: lil San Bernard ta' Clairvaux; lil San Pietru, isqof ta' Compostela (986-1000), li seta' qalibha mill-Grieg; lil Ademar ta' Monteil (*c.* 1080); u oħrajn; imma l-aktar lill-Beatu Ermannu (miet fl-1054). L-eqdem manuskritt kien instab fil-monasteru ta' Reichenau, fis-seklu ħdax.

Ħafna leġġendi huma marbutin ma' din it-talba għażiża li xterdet ħafna fost il-poplu Nisrani, għax fiha Marija hija mitluba biex tkun l-avukata tagħna quddiem Alla. Erażmu u Luteru sabu din it-talba stravaganti wisq fl-applikazzjoni tagħha dwar il-post ta' Marija fl-istorja tas-salvazzjoni.

Aktar ma għadda ż-żmien dan l-innu sar simbolu tal-Marjoloġija Tridentina u tad-devozzjoni tar-Riforma Kattolika. L-innu ġie difiż, kantat "b'vuċi għolja'', u mdaħħal f'manuskritti qodma. San Pietru Kanisju (†1597) ħadha kontra dawk li kienu jopponuh billi kiteb li meta aħna nduru lejn Marija bil-kant inkunu nfaħħru lil Alla f'Marija, jiġifieri l-ħidma li Hu għamel magħha u permezz tagħha.

Minn żmien il-Papa Ljun XIII (†1903) sa meta l-liturġija tal-Quddiesa nbidlet bil-Konċilju Vatikan II, din it-talba kienet tingħad mill-poplu wara l-Quddies lett (mhux kantat).

Is-*Salve Regina* kienet is-suġġett ta' ħafna kummentarji, forsi l-aktar magħruf fosthom dak ta' San Alfons M. de Liguori, li jokkupa l-ewwel taqsima tal-opra famuża tiegħu *Le Glorie di Maria*, li minn mindu ħarġet fl-1750 kellha aktar minn tmien mitt edizzjoni.

Bil-Latin u bil-Malti:
*Salve, Regina, mater misericordiæ;*
*vita dulcedo et spes nostra, salve.*
*Ad te clamamus, exsules filii Evæ.*
*Ad te suspiramus, gementes et flentes*
*in hac lacrimarum valle.*
*Eia ergo, advocata nostra,*
*illos tuos misericordes oculos ad nos converte.*
*Et Iesum benedictum fructum ventris tui,*
*nobis post hoc exsilium ostende.*

*O clemens, o pia, o dulcis Virgo Maria.*

*V/. Ora pro nobis sancta Dei Genetrix.*
*R/. Ut digni efficiamur promissionibus Christi.*

Is-sliem għalik, Sultana, Omm tal-ħniena,
ħajja, ħlewwa, tama tagħna.
Is-sliem għalik.
Lilek ingħajtu, aħna, itturufnati, ulied Eva.
Lilek nitniehdu, aħna li nibku u nolfqu
f'dan il-wied tad-dmugħ.
Ejja, mela, avukata tagħna;
dawwar lejna
dawk l-għajnejn tiegħek tal-ħniena.
Urina, wara dan it-turufnament, lil Ġesù,
frott imbierek tal-ġuf tiegħek,
o ħanina, o pija, o ħelwa Verġni Marija.

* * *

## *Sub Tuum Præsidium*

Din it-talba hija meqjusa bħala l-eqdem talba ta' petizzjoni lill-Verġni Marija. Instabet fuq papiru fl-Eġittu fl-1917. L-istudjużi jaħsbu li din it-talba hija tat-tielet seklu u għalhekk forsi kienet teżisti qabel il-Konċilju ta' Nicea li tlaqqa' fit-325. It-talba orġinat fl-Eġittu, u minn hemm xterdet lejn l-Ewropa. Tidher li nkitbet fi żmien il-persekuzzjoni u għalhekk tista' tingħad waqt li l-bniedem ikun għaddej mit-tbatija. Hija talba qasira imma turi fiduċja kbira fl-interċessjoni ta' Omm Alla.

Bil-Latin u bil-Malti:
*Sub tuum præsidium confugimus,*
*Sancta Dei Genitrix.*





*Nostras deprecationes ne despicias*
*in necessitatibus nostris,*
*sed a periculis cunctis*
*libera nos semper,*
*Virgo gloriosa et benedicta.*

Taħt il-ħarsien tiegħek nistkennu,
Omm qaddisa ta' Alla:
la twarrabx minn quddiemek
it-talb li nagħmlulek fi ħtiġijietna,
u eħlisna dejjem minn kull tiġrib,
o Verġni glorjuża u mbierka.

Huma ħafna li jgħidu din it-talba fi tmiem it-talba tar-Rużarju, u fostna l-Maltin, l-aktar fl-irħula tagħna, għadhom itennuha f'forma mqabbla, kif ġej:

Omm qaddisa tal-kbir Alla,
taħt il-mant tiegħek nistkennu;
tirruftax it-talb minn tagħna
waqt li lilek aħna ntennu.
F'biża' kbir ninsabu aħna:
mill-perikli int eħlisna,
magħna kun dejjem pjetuża,
Verġni Mqaddsa u glorjuża. ♦



# Il-Kelma tal-Papa

*Bi tħejjija għall-miġja tal-Papa Benedittu XVI fostna sejrin nibdew din is-sensiela ta' artikli li l-għan tagħhom huwa li jgħinuna nsiru nafu aktar fuq il-ħsieb u t-tagħlim Marjan tal-Papa attwali. Dawn il-ħsibijiet Marjani ta' Benedittu XVI huma miġbura għalina mill-arċipriet tal-parroċċa tax-Xewkija, Mons. Carmelo Mercieca.*

*Il-bord editorjali tar-rivista* Madonna Ta' Pinu *minn qalbu jixtieq jirringrazzja lill-Arċipriet Mercieca tal-ħidma tiegħu fir-rivista tas-Santwarju Ta' Pinu.*

*Id-diskors li għażilna din id-darba hu dak li l-Papa Benedittu kien għamel fi Pjazza di Spagna, fil-belt ta' Ruma, fl-okkażjoni tal-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni, nhar it-8 ta' Diċembru 2008. Hi tradizzjoni antika li ta' kull sena l-Papa, fil-festa tal-Immakulata, joffri qoffa ward quddiem l-istatwa tagħha li tinsab f'din il-pjazza famuża.*

## Nippreżentawlha l-ward u x-xewk tagħna

Kif tfajjel ċkejken jerfa' għajnejh lejn wiċċ ommu u kif jara t-tbissima tagħha jinsa kull biża' u kull uġigħ, hekk aħna meta nħarsu lejn Marija naraw fuq ħaddejha "it-tbissima ta' Alla", ir-rifless tas-safa tad-dija divina. Fiha aħna nsibu tama ġdida, anki f'nofs il-problemi u t-tiġrib tad-dinja.

**Dan il-ward** ifisser l-imħabba u d-devozzjoni tagħna, tal-Papa, tal-Knisja kollha u ta' dawk kollha li jħossu li huma wlied spiritwali tal-Verġni Marija.

**Dan il-ward abjad** simbolikament ifisser is-sabiħ u t-tajjeb li għamilna s-sena li għaddiet. Aħna nixtiequ noffrulha kollox lill-Omm tagħna, għax aħna



konvinti li ma konna nkunu kapaċi nagħmlu xejn mingħajr l-għajnuna tagħha u mingħajr il-grazzji li kuljum tiksbilna minn għand Binha Ġesù.

Iżda, kif jgħid il-qawl, m'hemmx warda bla xewk! Maz-zokk ta' dan il-ward, iċ-ċentufolja, ma jonqosx ix-xewk.

**Dan ix-xewk** ifisser l-għawġ u s-slaleb li bihom hi minsuġa ħajjitna. Lil Marija aħna noffrulha l ferħ tagħna, iżda nafdawlha wkoll l-ansjetajiet u l-inkwiet tagħna.

Għax il-fidili kollha huma fiduċjużi li jsibu f'Marija:

- il-faraġ u l-għajnuna biex ikomplu mexjin 'il quddiem f'ħajjithom, mingħajr ma jaqtgħu qalbhom. ♦

# Marija fil-Mużika

minn Ivan Attard,
l-Organista tas-Santwarju Nazzjonali
tal-Madonna Ta' Pinu



## Daħla

**Nhar il-Ħadd 20 ta' Ġunju 2010, il-poplu Għawdxi ser ifakkar b'mod solenni l-75 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Kwadru titulari tal-Madonna ta' Pinu meqjum fis-Santwarju Nazzjonali tagħha.** Dan huwa l-istess Kwadru li minnu l-Verġni Marija semmgħet leħinha lit-twajba Carmela Grima eżattament nhar it-22 ta' Ġunju 1883. Minħabba f'din il-kommemorazzjoni, nistgħu nqisu li din hija Sena li fiha Marija qed tistedinna aktar minn snin oħra biex inħalluha tkun verament is-Sultana ta' qlubna. F'din ir-rubrika 'Marija fil-Mużika', aħna ser naraw kif matul is-snin, kompożituri ta' fama mondjali u oħrajn mhux daqstant popolari użaw it-talenti li tahom il-Mulej biex kitbu melodiji b'tifħir lil din l-Omm u Sultana tagħna tas-sema. Ser nitgħallmu wkoll napprezzaw aktar il-mużika li nisimgħu tindaqq fil-knejjes tagħna waqt iċ-ċelebrazzjonijiet li jsawru s-Sena Liturġika.

## Introduzzjoni

Ħafna snin qabel ma ġie iffurmat il-Kant Gregorjan li huwa l-Kant uffiċjali tal-Knisja Kattolika, il-poplu kien digà iħoss li għandu jfaħħar lil Alla mhux biss bit-talb vokali (jiġifieri t-talb li jingħad bil-fomm) u t-talb mentali (jiġifieri ħsibijiet dwar Alla) imma anke permezz tal-kant. Infatti, il-poplu Lhudi li kien jinġabar fis-Sinagoga għat-talb kull nhar ta' Sibt kien ikanta innijiet, salmi u talb ieħor. Fit-Testment il-Qadim, insibu l-Ktieb tas-Salmi. Skont it-tradizzjonali Lhudija, dawn is-salmi huma mitkuba mis-sultan David u fihom huwa juri x'ikun qed iħoss f'dak il-mument partikolari fil-ħajja tiegħu – hekk per eżempju, hemm salmi li jitolbu lill-Mulej juri ħniena mal-midneb, oħrajn li jfaħħru lil Alla li wera l-kobor tiegħu fil-ħolqien tad-dinja (salm 8), eċċ. Interessanti li dawn is-salmi ma kinux jinqraw imma kienu jitkantaw u fl-arti naraw lil David idoqq l-arpa biex jitkellem ma' Alla. Fit-Testment il-Ġdid, is-salmi 2, 16, 32, 69, 95 u 110 huma speċifikament identifikati bħala kitba ta' David fl-Evanġelju ta' San Mattew (22,43), l-Atti tal-Appostli (2,31 u 4,25), l-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani (4,6 u 11,19) u l-Ittra lil-Lhud (4,7). Barra minn hekk, l-innijiet u s-salmi huma msemmija f'żewġ ittri ta' l-Appostlu Missierna San Pawl (Kol 3,16 u Ef 5, 19) u allura dan juri kemm tassew il-poplu kien juża l-kant biex jfaħħar lil Alla. Fil-preżent, is-salmi jintużaw b'mod l-aktar qawwi fil-Quddiesa u fil-Liturġija tas-Sigħat.

Il-Verġni Marija kienet tosserva b'mod l-iżjed assidwu t-tradizzjonijiet u d-drawwiet qaddisa ta' missirijietha fosthom li tinġabar għat-talb flimkien mal-komunita' Lhudija fis-Sinagoga kull nhar ta' Sibt biex flimkien jiċċelebraw il-'Jum tal-Mulej'. Għalhekk kienet taf tajjeb il-kant li kien jitkanta. Interessanti ngħidu kif fl-Evanġelju ta' San Luqa, aħna naraw lil Marija



tkanta l-innu li nistgħu nqisuh bħala 'il-kompożizzjoni tagħha'. Qed nirreferi għall-*Magnificat. Magnificat anima mea Dominum et exultavit spiritus meus in Deo Salvatore meo* – Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej u l-Ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi. Hekk tkanta Marija fid-dar ta' Żakkarija u Eliżabetta. Sal-ġurnata tal-lum, dan l-innu għadna nirreferu għalih bħala 'il-Kantiku ta' Marija'. Jiena nistħajjel ukoll lill-Arkanġlu Gabrijel isellem lil Marija bil-kant waqt li jħabbrilha l-misteru tal-maternitaÏ divina tagħha: *Ave Maria Gratia Plena Dominus tecum* – is-Sliem għalik Marija mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek! Ma nistagħġibx għalhekk li bosta pitturi inqdew b'dawn iż-żewġ okkażjonijiet u kull darba li jpittru xeni dwar il-Madonna bdew ipittruha mdawra bl-anġli jdoqqu diversi strumenti mużikali.

Matul il-medda tas-snin, kienu bosta dawn il-mużi'isti li ġew ispirati minn dawn ix-xeni u bdew jiktbu mużika li tagħti unur, ġieħ u glorja lil Marija. Fis-sena 700 W.K., fil-Kulleġġ ta' Sant'Ursola f'Novara, insibu lil Sister Leonarda Isabella, kompożitriċi famuża f'dawk iż-żminijiet. Fost ħafna biċċiet mużikali, din is-soru kitbet Għasar *a cappella* u diversi motetti sagri u iddedikathom lill-Verġni Marija li ddeskrivietha bħala 'l-aktar Surmast għaref tal-mużika'! Fi Spanja, ġew miktuba aktar minn 400 innu monastiku dedikati lill-Madonna li ġibdu l-attenzjoni ta' ħafna mużiċisti u li ġew iffirmati saħansitra mir-Re Alfons X. Fl-Awstrija li hija ikkunsidrata bħala 'il-belt tal-mużika', Leopoldo I kiteb *oratorio* fuq id-Duluri prinċipali tal-Madonna filwaqt li Ferdinandu III ikkompona mużika għall-Innu *Stabat Mater* u Giuseppe d'Asburgo kiteb *Regina Coeli* (l-innu Marjan ta' Żmien l-Għid) għal sopran, vjolini u orgni. Insemmu wkoll numru ta' qaddisin mużiċisti li jibqgħu msemmija għall-kompożizzjonijiet b'tema Marjana fosthom Sant'Alfons Maria De Liguori, San Filippu Neri u Sant' Ildegarda. San



Karlu Borromeo li mexxa l-Konċilju Tridentin għamel riformi anke fil-kamp mużikali u lilu ġie dedikat sett ta' kompożizzjonijiet tal-innu *Magnificat* miktubin minn kompożituri varji bħala turija ta' rikonoxximent. Il-Papa Serġju kiteb *Ave Maria* li hija ikkunsidarata bħala l-aktar waħda melodjuża fir-repertorju Gregorjan. Madankollu, ta' min jgħid li jeżistu diversi arranġamenti ta' dan l-innu - hawnhekk ta' min isemmi lil Ferruccio Busoni li l-ewwel tliet opri tiegħu huma *Ave Maria*, Charles-François Gounoud li kiteb żewġ *Ave Maria* fuq żewġ preludji differenti tal-kompożitur ċelebri Johann Sebastian Bach, u Franz Schubert li kiteb *Ave Maria* li nassoċjawha ħafna maċ-ċelebrazzjoni tas-Sagrament taż-Żwieġ peress li normalment tindaqq waqt l-introjtu tal-Quddiesa matrimonjali. Sa mis-sena 1931, f'Milan (l-Italja) kien diġa' ġie stampat ktejjeb bit-traduzzjoni tat-test tal-*Ave Maria* f'404 lingwi! L-istampatur taljan Ottaviano Petrucci (1466 – 1539) beda l-avventura meraviljuża tiegħu bħala l-ewwel stampatur tal-mużika fl-Italja permezz tal-*Ave Maria* miktuba b'erba' vu'ijiet minn Marbriano de Orto.

Apparti dawn il-kompożizzjonijiet relatati mal-*Ave Maria* li nistgħu nikkunsidrawha bħala l-akbar talba li wieħed jista' jirreċita/ikanta għall-ġieħ tal-Verġni Marija, insemmu innijiet Marjani oħrajn miktuba minn kompożituri differenti matul is-snin – kompożizzjonijiet li jvarjaw minn innijiet miktuba għal vuċi waħda, oħrajn miktubin bil-polifonija (jiġifieri għal aktar minn vuċi waħda), għal orkestra eċċ. Nistgħu nagħmlu riferenza għal G.A. Pitoni li kiteb 250 *Magnificat*; Orlando di Lasso b'100 *Magnificat* polifoni'i; Johann Pachelbel b'96 *Magnificat* għall-orgni; Gregor Joseph Werner li kiteb 44 *Salve Regina*; Nicola Zingarelli li kiteb 18-il *Stabat Mater* u oħrajn. L-innijiet *Stabat Mater* ta' Giovanni Battista Pergolesi (1710-1736) u *Il Vespro della Beata Vergine* ta' Claudio Monteverdi (1567-1643) huma fost l-aqwa kapolavuri mużikali b'tema Marjana. B'din l-istess tema, insibu l-kompożitur ċelebri J.S. Bach b'żewġ *Magnificat* li minnhom il-*Magnificat BWV 243* huwa ikkunsidrat bħala wieħed mill-akbar xogħlijiet vokali tiegħu. Nistgħu nirrimarkaw il-preżenza tal-Madonna



f'mużika strumentali fosthom *I 15 Misteri del Rosario* ta' Biber, *Il Concerto per l'Assunzione* ta' Antonio Lucio Vivaldi u oħrajn.

Wara li flimkien tajna ħarsa ħafifa lejn numru ta' innijiet Marjani u l-kompożituri tagħhom, fl-artiklu li jmiss ser naraw kif u meta dawn l-innijiet jintużaw fil-Liturġija tal-Knisja Kattolika Rumana u nibdew nagħtu ħarsa aktar speċifika u dettaljata lejn kull innu partikolari. **L-għan tiegħi f'dawn l-artikli huwa li nitgħallmu napprezzaw aktar il-mużika li tindaqq waqt iċ-ċelebrazzjonijiet fil-Knejjes tagħna għax personalment inħoss li n-nies ma tantx tipparteċipa fil-kant waqt il-Quddies u dan mhuwiex sinjal tajjeb.** Jekk ma nieħdux sehem b'mod attiv fil-kant, inkunu qegħdin nirrendu l-Quddiesa (li hija minnha nnifsha ċelebrazzjoni ta' ferħ u radd il-ħajr lil Alla) f'ċelebrazzjoni mejta. **Quddiem dan ix-xenarju, ma rridux ninsew it-twissija tal-Isqof u Duttur tal-Knisja Santu Wistin: "Min ikanta, ikun qed jitlob darbtejn!"** ♦

*English Corner*




# Sub tuum praesidium

Rev. Emanuel Magro

***We turn to you for protection,***
***Holy Mother of God.***
***Listen to our prayers***
***and help us in our needs.***
***Save us from every danger,***
***glorious and blessed Virgin.***

What a creative title, the Christians of the fourth century have bestowed on Mary! She is the Mother of God! How is it that she, a human being, be the one who gives birth to God? Can God have a mother? Does God have a beginning? Are we slipping into a form of neo-paganism and attributing some divine quality to a human person?

This title sounds confusing even now as when it was first coined. Christians fought with one another and could not understand each other's position and devotion to Mary when they started addressing her as Mother of God. They wanted to highlight her unique position and role in salvation history. In order to become fully human like us, the Son of God, the second person of the Holy Trinity, had to be born of a woman. That is the natural way that humans come into existence. There is no other way that a human being is created. God, then, has chosen this Jewish maiden, Mary, to be the mother of God's Son. She accepted and she gave birth to Jesus, the incarnated Son of God. This is what this title, Mother of God, wants to communicate.

Mary can never be divorced from the mystery of the incarnation. Without her the Son of God could not have become fully human. He, who is fully divine like the other two persons of the Holy Trinity, is now fully human like us in all things but sin. It is because her son is fully divine that she can be called the Mother of God. Such a title is intrinsically combined with and always refers to the mystery of the Incarnation.

Whoever prays this ancient prayer to Mary, acknowledges her important role in God's plan of salvation. God invited her to be the mother of God's Son. She accepted God's invitation. She gave birth to Jesus. She took care of him, protecting him from all that could harm him as he was growing up. With Joseph she took him to Egypt when he was still young to save him from Herod who trying to kill him. Together with his putative father she educated him in their religious tradition. He felt at home in the temple when they went on the annual pilgrimage to Jerusalem. She, together with her husband, took care of him as any other mother does. She was concerned about him when she heard rumors that he was getting out of his mind as he was preaching and teaching. She never abandoned him. Even when he was given the death penalty for loving his fellow human beings and hung on the cross, she stood there silently accompanying him on his last moments of his earthly life. These are all very worldly experiences and yet God through them was preparing Jesus to give his life as the new covenant between God and humanity. Throughout Mary's ordinary experiences of being a mother God was writing God's own story of salvation!

The title, Mother of God, encapsulates God's plan of salvation as well as Mary's experiences as a mother. It is to the latter that Christians turn in asking Mary for her protection, "sub tuum praesidium," "we turn to you for protection." They know that she protected Jesus and saved him from all that could have harmed him. They are confident that now she will protect them, the disciples of her Son. They admire her courage, her love and hope for her son. They implore her to show the same qualities to them who are trying like her to live the Christian way of life. They feel comfortable to relate their difficulties, needs and moments of danger to those Mary experienced. They see her as a privileged person. She is so close to Jesus, her Son. She is so close to God. They are confident that she will think of them like she did of the newly married couple at the wedding at Cana in Galilee. They know that once they make known their requests to her, she will run to Jesus and inform him about their needs. They are convinced that she will listen to them and come to their aid.

Mary, Mother of God, protect us and save us from every harm and danger! ♦

# Kliem Għalik

*mill-Eċċ. Tiegħu Mons. Nikol Ġ. Cauchi*

## It-talba "Marija, gwida fil-vjaġġ tagħna"

### San Ġerman
**isqof ta' Kostantinopli (630-733)**



San Ġerman twieled madwar is-sena 650 f'Kostantinopli u sar isqof ta' Cyzicus fis-sena 705. Kien patrijarka ta' Kostantinopli mill-11 ta' Awwissu 715 sas-17 ta' Jannar 730. Tqabad b'ħiltu kollha kontra l-ereżija ta' l-ikonoklastiżmu li kienet tipprojbixxi l-qima tax-xbihat imqaddsa u tħabrek biex jiġu meqruda l-istatwi u l-pitturi tal-qaddisin.

Għall-bidu kien ħabib ta' l-imperatur Ljun III, iżda meta dan sar ikonoklasta San Ġerman kisirha miegħu u għalhekk ġie mġiegħel jirriżenja fis-sena 729.

San Ġerman miet fi Platanion, fis-sena 742, bejn wieħed u ieħor meta kellu qrib il-mitt sena. Il-festa tiegħu tiġi ċċelebrata fit-12 ta' Mejju.

Mid-disa' omeliji tiegħu li għadhom jeżistu, seba' huma fuq il-Verġni Marija. Jitkellem fuqha, fost l-oħrajn, fil-prietki fuq il-Preżentazzjoni tal-Verġni Mbierka, fuq il-Lunzjata u fuq il-festa tat-tempju ddedikat lilha. Tlieta oħra huma fuq id-"dormizzjoni" tal-Verġni Mbierka, jiġifieri fuq il-mewt u l-tlugħ tagħha fis-sema. Għandu wkoll xi innijiet iddedikati lilha, kif ukoll prietka fuq iċ-ċintura tal-Verġni Marija, li kienet relikwa miqjuma ħafna f'Kostantinopli.

Il-Papa Piju XII jikkwotah fil-kostituzzjoni appostolika *Munificentissimus Deus* ta' l-1 ta' Novembru 1950, li biha ddefinixxa bħala domma tal-fidi li l-Verġni Marija ġiet imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem. Silta mill-kitbiet ta' San Ġerman insibuha wkoll fl-enċiklika *Ad Cœli Reginam* tal-11 ta' Ottubru 1954 fuq ir-regalità tal-Imqaddsa Verġni Marija.

San Ġerman kien isejjaħ lilu nnifsu "l-ilsir tal-Verġni Marija".

### TALBA
### Marija, gwida fil-vjaġġ tagħna

***O Marija,***
***faraġ waħdieni tiegħi,***
***nida divina,***
***xarba għall-għatx tiegħi,***
***xita li tinżel minn għand Alla***
***fuq in-nixfa ta' qalbi,***
***fanal jilma fid-dlamijiet ta' ruħi,***
***gwida fil-vjaġġ tiegħi,***
***għajnuna fid-dgħufija tiegħi,***



*kenn għall-għera tiegħi,*
*għana għall-faqar estrem tiegħi,*
*balzmu għall-ġerħat idemmgħu tiegħi,*
*tmiem tad-dmugħ u l-krib tiegħi,*
*dik li teħlisni mill-iżventuri,*
*konfort fin-niket tiegħi,*
*feddejja mill-jasar,*
*tama tas-salvazzjoni tiegħi.*

*Hekk ikun, Sinjura tiegħi;*
*hekk ikun, o kenn minn tiegħi,*
*ħajti u l-għajnuna tiegħi,*
*ħarsien u glorja tiegħi,*
*tama u qawwa tiegħi.*

***Agħtini li ngawdi d-doni***
***liema bħalhom***
***tal-Iben tiegħek***
***fid-dar tagħna tal-Ġenna.***
***Jiena naf li għandek***
***setgħa ugwali għar-rieda tiegħek***
***għax inti l-Omm ta' l-Iktar Għoli,***
***u għalhekk tagħmel il-ħila***
***u nafda fik.***
***O Sultana l-iktar safja,***
***tħallinix nitqarraq fit-tamiet tiegħi.***
***Amen.***

F'din it-talba ma jonqsux it-titli sbieħ li San Ġerman jagħti lill-Verġni Mbierka, bħal meta jsejħilha "sinjura, kenn, ħajja, għajnuna, ħarsien, tama u glorja tiegħu''. Titli oħra sbieħ bħal dawn insibuhom ukoll f'kitbiet oħra ta' San Ġerman; ngħidu aħna fil-prietka tal-Preżentazzjoni jsejjaħ lil Marija b'ħafna superlattivi: "Iktar qaddisa mill-qaddisisn, ogħla mis-smewwiet, iktar glorjuża mill-kerubini, iżjed nobbli mis-serafini, jistħoqqlok qima iktar minn kull ħlejqa oħra''.

Il-qaddis ifisser ukoll għaliex hu u aħna wkoll, bħall-Kristjani kollha, għandna nqiegħdu t-tama tagħna f'Binha, il-Mulej tagħna Ġesù Kristu, u fl-Omm Imqaddsa tiegħu. Dan għaliex hija għandha s-setgħa mogħtija minn Kristu li tagħmel dak li trid. Mhux bħalna l-bnedmin, li s-setgħa tagħna hija wisq iżgħar minn dak li rridu jew nixtiequ. Fuq din il-verità San Ġerman jibni t-tama tiegħu: "Għalhekk nagħmel il-ħila u nafda fik''.

Marija Santissma tfarraġna fin-niket tagħna, iddawwalna fid-dubji tagħna, tiggwidana fil-mixja tagħna lejn l-art imwiegħda. Imweżnin minn Marija, aħna nirbħu d-dgħufija tagħna u nsalvaw ruħna. ♦

# Ktieb Ġdid ta' riċerka fuq il-bennej Għawdxi tas-Santwarju Ta' Pinu

riċensjoni ta'
Francesco Pio Attard




Anki jekk hu bijografija eżawrjenti ta' l-imgħallem Vitor Vella, il-ktieb ta' neputih Victor Vella Muskat iħares lejn dan il-bennej ta' bosta knejjes Għawdxin prinċipalment bħala l-moħħ wara l-bini maestuż tas-Santwarju Ta' Pinu. Fil-fatt, l-isem tal-ktieb diġà jqiegħed lill-qarrej fil-perspettiva t-tajba: *Vitor Vella (1878-1965): L-imgħallem bennej tas-Santwarju Ta' Pinu. Ħajtu u ħidmietu.* Anki l-qoxra tal-ktieb turi ritratt qadim tas-santwarju kif ukoll id-disinn oriġinali tal-pjanta li Vella ħadem fuqha bl-ikbar reqqa, u b'imħabba diżinteressata lejn il-Verġni Mbierka. Lil Vitor narawh perseveranti fil-ħidma tiegħu fuq il-proġett Ta' Pinu, li ma kienx mingħajr il-waqtiet imdallma tiegħu. Imma l-lum, is-sbuħija ta' din il-ġawhra arkitettonika ta' arti ekkleżjastika f'pajjiżna tibqa' l-aqwa xhud tas-sengħa brillanti tal-bini fil-ġebla Maltija kif imħaddma minn Vitor Vella, miż-Żebbuġ ta' Għawdex.

L-awtur tal-ktieb irnexxielu jiġbor it-tagħrif kollu li sab jew sema' fuq Vitor u x-xogħol tiegħu ta' bini, prinċipalment fuq knejjes fil-gżira ta' Għawdex. Sant'Antnin tax-Xatt, Ta' Kerċem, Santa Luċija, l-Għasri, il-Katidral fir-Rabat, ix-Xewkija, l-Imġarr ta' Malta, raħal twelidu ż Żebbuġ, Ta' Sannat, in-Nadur u l-Qala - dawn kollha jgħoddu fost il-knejjes fejn dehret il-ħila ta' Vitor, spiss bħala disinjatur u mhux biss bennej, kif jixhdu d-diversi aneddoti kurjużi u ħelwin li jirrakkonta l-awtur! B'xi mod Vitor mess ma' iktar minn nofs il-knejjes parrokkjali ta' Ghawdex. Imma Ta' Pinu, kif jinsisti wkoll l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi fid-daħla għall-ktieb, jibqa' fost l-aqwa monumenti! Dan il-ktieb hu t-tifkira li xtaq iħallilna l-awtur - li miet f'Diċembru 2009 - ta' wieħed mill-akbar kontributuri ta' l-istorja ekkleżjastika Għawdxija.

Il-ktieb, ta' 202 paġni, jista' jinkiseb mis-Santwarju Ta' Pinu jew minn għand il-librara ewlenin f'Malta u Għawdex. ♦

# Mill-Ħajja tas-Santwarju



miġbura minn
**Ivan Attard**

## OTTUBRU 2009

**Is-Sibt, 17:** Fis-santwarju nazzjonali tagħna saret it-tieni edizzjoni tal-*Gloria International Music Festival*. Dan il-kunċert ta' mużika sagra ġie mtella' bil-kollaborazzjoni tal-korijiet *North West Festival Choir* (l-Ingilterra), taħt id-direzzjoni ta' Dr John Bethell, u



*Chorus Urbanus*, taħt id-direzzjoni mużikali ta' Mro Dr John Galea, flimkien mal-*Island Brass Ensemble*. Il-*Chorus Urbanus* esegwixxa l-Quddiesa *Missa in Fractione Panis*, kompożizzjoni ta' Dr John Galea u miktuba fl-okkażjoni tal-25 anniversarju mill-ordinazzjoni saċerdotali tal-E.T. Mons. Isqof Mario Grech, li kien ukoll preżenti għal dan il-kunċert. Il-kor Ingliż esegwixxa l-*Petite Messe Solennelle* ta' G. Rossini. Kien hawn preżenza numeruża ta' nies li attendew għal dan il-kunċert.

**L-Erbgħa, 21:** Saret Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni ta' għeluq il-ħamsin sena miż-żwieġ tal-koppja Maria u Anthony Zammit. I"elebra l-Quddiesa binhom Dun Victor Zammit MSSP.

**Il-Ġimgħa, 23:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla u lill-Madonna Ta' Pinu f'għeluq il-ħdax-il sena mill-ordinazzjoni

(ikompli f'paġna 32)




# Marian Stamps from around the world

by Anthony Grech
member of the *Gozo Philatelic Society*

## First Marian Postage Stamps

**Brazil - *Our Lady of the Globe***
The first Marian Stamp issued by Brazil Post depicts Our Lady of the Globe. This stamp was issued on 31 May 1950 to commemorate the firs centenary of the DAUGHTERS OF CHARITY in Brazil.

The Daughters of Charity are not "nuns'' but "Sisters'' - apostolic religious women who belong to a community, society, or company. Unlike nuns, who remained cloistered, the Sisters were to be "in the world but not of the world.''







Saint Vincent de Paul, their founder, wanted the Daughters to be free to walk the streets of Paris in response to the needs of the poor which were great - abandoned babies, the homeless and sick living in the streets, hungry beggars everywhere - all of which pointed up a widening gap between

the rich and the poor. Up to this point, all religious women were behind cloister walls, which meant they were enclosed within the monastery and performed a ministry of contemplative prayer. Vincent, in his shrewd wisdom, laid the foundation for the Daughters to maintain the necessary mobility and to live in the midst of those who were most abandoned.

## Cuba - *The Virgin of Charity of Cobre-Patroness of Cuba*




Cuba issued its firs Marian Stamp on 5 June 1956. The stamp printed in blue represents an image of The Virgin of Charity at Cobre, surrounded by a yellow sun and above NIPE BAY.

At the bottom of the stamp there are the words 'NTRA. SRE. DE LA CARIDAD DEL COBRE-PATRONA DE CUBA.

According to legend, in 1613, two brothers of native origin and a black boy of nine or ten years old, went for salt to the Nipe Bay "in the northeast coast of Cuba'', and they saw under the sea the image of the **Virgin Caridad del Cobre**. It is also said the image was taken to the town Real of Minas, very near **Santiago de Cuba**, where are the largest layers of copper outdoors in America.




The neighbors received the discovery as a good signal from heaven, and built a hermitage to act as the temple of the religious idol immediately. On the side of the mine, the miners built the sanctuary, in the same place where the church that preserves the idol found under the water is placed today. That was the beginning of Cubans devotion for this image.♦

(ikompli minn paġna 29)

presbiterali ta' Patri Anton Farrugia OFM, li kienet saret fis-santwarju tagħna nhar il-Ħadd 12 ta' Lulju 1998. L-ordinazzjoni saret permezz tat-tqegħid tal-idejn u t-talba tal-konsagrazzjoni saċerdotali mill-isqof Patri Silvestro Magro OFM, Vigarju Appostoliku tal-Missjoni ta' Benghazi fil-Libja.

Fl-istess ġurnata l-komunità tal-patrijiet Franġiskani Kapuċċini kkonkludiet l-irtir tas-sena, li nżamm bejn id-19 u t-23 ta' Ottubru, b'Quddiesa kkonċelebrata fis-santwarju. Huma raddew ħajr lil Alla għall-grazzji msawba matul dan l-irtir spiritwali. Il-patrijiet Kapuċċini rringrazzjaw ukoll lil Dun Daniel Xerri, rettur tas-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex, li kien il-predikatur waqt dawn il-mumenti ta' ġabra, u lir-rettur Dun Gerard Buhagiar tal-akkoljenza tiegħu fis-santwarju nazzjonali.



**Is-Sibt, 24:** Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li saru fid-djoċesi ta' Għawdex bħala parti mill-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech mexxa konċelebrazzjoni solenni flimkien ma' numru ta' saċerdoti Għawdxin, li fiha huwa qassam id-diplomi lil madwar 120 lajk li ħadu sehem f'ġimgħa ta' tagħlim liturġiku fid-Dar tal-Klcru. Dawn il-lajċi jservu bħala kanturi, animaturi, ministri straordinarji tal-Ewkaristija, ostjarji u letturi fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jiġu ċċelebrati fil-parroċċi kollha ta' Għawdex.

**Il-Ħamis, 29:** L-Ambaxxatur Amerikan għal Malta, l-E.T. Dr Douglas W. Kmiec, żar għall-ewwel darba s-santwarju tal-Madonna Ta' Pinu. Huwa ġie milqugħ u mdawwar mas-santwarju minn Dun George Mercieca, saċerdot Għawdxi li jaħdem fl-Istati Uniti u li matul il-jiem ta' mistrieħ tiegħu f'Malta jgħin fix-xogħol pastorali fis-santwarju. Xi jiem wara din iż-żjara l-Ambaxxatur Amerikan bagħtilna b'ringrazzjament dan il-kumment: *"My recent visit to the national shrine of Ta' Pinu in Gozo was an enriching experience in my journey through faith. I feel truly blessed to have had the opportunity to visit the sanctuary that inspires so much devotion and has been credited as the source of so many divine*



*favors. Learning the word* "Ejja", *the simple invitation with which Our Lady called to Karmni Grima to receive her message of prayer in 1883, will be a lasting memory of my visit to this hallowed place. I was greatly impressed both by the beauty of the sanctuary and by the care and dedication of the volunteers who maintain the shrine. Thank you for inviting me to this place of devotion and hope".*





**Il-Ġimgħa, 30:** Fl-okkażjoni tal-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, saret ċelebrazzjoni tal-Għasar u katekeżi dwar Jum il-Mulej. Din il-katekeżi Biblika saret mill-W.R. Mons. Lawrenz Sciberras (Ta' Sannat). L-Għasar tmexxa mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Ġ. Cauchi filwaqt li l-kor tas-seminaristi anima bil-kant. Il-kor kien taħt id-direzzjoni ta' Dun Michael Curmi, viċi-rettur tas-Seminarju.

***Pellegrinaġġi:***

**It-Tnejn, 5:** Saret żjara lis-santwarju minn grupp ta' pellegrini mill-Ġermanja.

**L-Erbgħa, 14:** Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Madonna ta' Loreto (Għajnsielem).

**Il-Ħamis, 15:** Grupp ta' pellegrini mill-Kanada għamel żjara lis-santwarju.

**It-Tnejn, 19:** Grupp barrani ta' sorijiet tal-Karità żar lill-Madonna Ta' Pinu.

**It-Tnejn, 26:** Sar pellegrinaġġ lejn is-santwarju minn grupp ta' pellegrini mis-Slovenja.

**It-Tlieta, 27:** Grupp ta' 27 persuna minn Franza għamlu żjara lill-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ħamis, 29:** Grupp ta' pellegrini mill-Ġermanja inviżtaw lill-Madonna fis-santwarju tagħha.

## NOVEMBRU 2009

**L-Erbgħa, 4:** F'dan l-ottavarju ta' talb b'suffraġju għall-Erwieħ tal-Purgatorju, Dun Alex Refalo mexxa Quddiesa b'suffraġju għal ruħ Dun Ġwann Cini, mill-Fontana, li ħadem għal tant snin b'imħabba fis-santwarju tal-Madonna Ta' Pinu.

**Il-Ġimgħa, 6:** Bħala parti mill-Kungress Ewkaristiku Djoċesan, saret ċelebrazzjoni tal-Għasar u t-tieni katekeżi Biblika dwar Jum il-Mulej, li tmexxiet mill-W.R. Kan. Joseph Sultana SSL (ix-Xagħra), vigarju parrokkjali tal-parroċċa tal-Katidral. Iċ-ċelebrazzjoni tmexxiet mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech u kienet animata mill-kor tas-seminaristi.

**It-Tlieta, 17:** Ġiet iċċelebrata Quddiesa mill-W.R. Dun Ġwann Mizzi, mix-Xewkija, b'radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni ta' għeluq it-tletin anniversarju miż-żwieġ tal-koppja Leonardo u Josephine Calleja.

**Il-Ġimgħa, 20:** Saret Quddiesa kkonċelebrata mill-pirjol tal-patrijiet Agostinjani flimkien mal-komunità tal-patrijiet Agostinjani, fl-okkażjoni ta' għeluq l-irtir annwali tagħhom li sar fil-gżira tagħna.

**Il-Ġimgħa, 27:** Fis-santwarju tal-Madonna Ta' Pinu saret konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech fl-okkażjoni tat-tmiem tal-irtir spiritwali li sar mill-kappillani ta' Malta u Għawdex fid-Dar tal-Irtiri tal-patrijiet Ġiżwiti f'Manresa (Victoria). Dan l-irtir tmexxa mill-Em.T. il-kardinal Peter Appiah Turkson (it-Turkija). Dan il-kardinal kien il-mistieden speċjali tal-parroċċa ta' Ta' Sannat fl-okkażjoni tal-festi straordinarji li fakkru l-1700 sena mill-martirju ta' Santa Margerita V.M. f'Lulju 2004.

*Pellegrinaġġi:*

**Il-Ħadd, 1:** F'jum is-solennità tal-Qaddisin kollha, Dun Gerald Kawi mexxa pellegrinaġġ b'talb għall-paċi fid-dinja.

**It-Tlieta, 3:** Sar pellegrinaġġ lejn is-santwarju tal-Madonna Ta' Pinu mill-parroċċa ta' San Piju X, Santa Luċija (Malta).

**L-Erbgħa, 4:** Filgħodu grupp ta' anzjani mill-parroċċa ta' Għajnsielem għamlu żjara lis-santwarju tal-Madonna. Ġiet iċċelebrata l-Ewkaristija mill-W.R. Kan. On. Frankie Bajada, arċipriet.

**Is-Sibt, 7:** Grupp ta' persuni li jattendu l-laqgħat tal-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla fil-parroċċa tal Mosta żar is santwarju.

## DIĊEMBRU 2009:

*Matul iż-żmien tal-Avvent Imqaddes fuq wieħed mill-altari tas-santwarju tpoġġiet is-Siġra tradizzjonali tal-Milied biex taħtha jitpoġġew rigali li mbagħad ingħataw lill-istituti u djar tal-Karità li għandna f'Għawdex.*

**Il-Ħadd, 13:** **Jum is-solennità tat-78 anniversarju mid-Dedikazzjoni tas-santwarju nazzjonali tal-Madonna Ta' Pinu.** *Dan is-santwarju ġie kkonsagrat nhar it-13 ta' Diċembru 1931 minn idejn l-E.T. Mons. Mikiel Gonzi, dak iż-żmien isqof ta' Għawdex.* Il-Quddies kollu ġie ċċelebrat bil-liturġija tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Fl-10.00am l-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu tad-djoċesi tagħna, mexxa Quddiesa pontifikali ta' radd il-ħajr lil Alla li matulha huwa spjega s-sinifikat tal-festa u kif in-Nisrani għandu jafda lilu nnifsu f'idejn il-Verġni Marija li lilha din il-knisja hija ddedikata. Il-Quddiesa kienet animata mill-kor *Nativitas* taħt id-direzzjoni ta' Silvana Agius u l-organista Ivan Attard.

**Is-Sibt, 19:** Saret ċelebrazzjoni ta' tieġ bejn il-koppja Marthese Vella u David Camilleri. Iċ-ċelebrant tal-Quddiesa kien il-W.R. Dun Ġużepp Camilleri, missjunarju fil-Gwatemala.

Fl-istess jum il-koppja Saliba attendew għal Quddiesa li saret fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu u, b'ringrazzjament lilha għal grazzja maqlugħa, offrew sett impollozzi. Dawn huma ż-żewġ riċipjenti li fihom jitpoġġew l-ilma u l-inbid tal-Quddiesa.

**Il-Ħamis, 24:** **Lejlet il-Milied. Vġili tas-solennità tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu.** Fil-11.00pm beda servizz ta' kant ta' għana tradizzjonali tal-Milied mill-kor *Nativitas*. Fil-11.30pm saret purċissjoni bix-xbieha ta' Ġesù Bambin mis-sagristija tal-bażilika għal fuq l-altar maġġur, u l-prietka tat-tifel li din is-sena saret mill-abbati Zaphaniah Mercieca.



Sar il-kant tas-salmi tal-Uffiċċju tal-Qari tal-Milied u konċelebrazzjoni pontifikali solenni li kienet ippreseduta mill-E.T. Mons. Nikol Ġ. Cauchi, isqof emeritu.

Flimkien ma' Mons. Isqof ikkonċelebraw il-W.R. Dun Gerard Buhagiar, rettur tas-santwarju, u Dun Edward Vella.

**Is-Sibt, 26:** Fil-festa ta' San Stiefnu, protomartri, l-E.T. Mons. Arċisqof Ġużeppi Mercieca qaddes fil-kappella tal-Madonna Ta' Pinu.

Filgħaxija ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil Kirsty Mae, bint Eric u Alison Debono. Iċ-ċelebrant kien Dun Gerard Buhagiar, rettur.

**Il-Ħadd, 27:** Festa tal-Familja Mqaddsa ta' Nazareth. Ġie amministrat is-sagrament tal-Magħmudija lil Kian Camilleri, iben Joseph u Marlene Camilleri. Iċ-ċelebrant prinċipali kien il-W.R. Kan. On. Joe Zammit, arċipriet tal-parroċċa ta' San Ġużepp (il-Qala), assistit mill-W.R. Kan. On. Reuben Micallef, arċipriet tal-parroċċa ta' Marija Assunta (iż-Żebbuġ).

*Pellegrinaġġi:*

**It-Tlieta, 15:** Fil-bidu tan-Novena tal-Milied saret ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija għall-pazjenti tar-*Renal Unit* tal-Isptar *Mater Dei*. Kien hemm preżenti madwar mitt pellegrin.

**It-Tlieta, 22:** Saret Quddiesa fis-santwarju għall-istudenti tal-iskola sekondarja tal-Konservatorju tal-Isqof. Mexxa l-W.R. Dun Brian Meilak, kappillan tal-parroċċa ta' Ta' Kerċem.

**Is-Sibt, 26:** Sar pellegrinaġġ lejn is-santwarju tal-Madonna Ta' Pinu b'ringrazzjament għall-grazzji msawba matul is-sena 2009 u b'talb għas-sena l-ġdida 2010.

Fl-istess jum il-grupp tal-abbatini tal-parroċċa ta' San Franġisk fl-Għoti tal-Pjagi (il-Qawra) għamel żjara lis-santwarju. Huma kienu mmexxija minn Patri Michael Attard OFMConv.

**It-Tnejn, 28:** F'din il-ġurnata saru tliet żjajjar lill-Verġni Marija Ta' Pinu. Grupp ta' 23 persuna, li jiffurmaw il-grupp *Omega*, ġew jitolbu l-protezzjoni ta' Marija fil-ħajja tagħhom.

Sar pellegrinaġġ mill-parroċċa tal-Qawra b'talb ta' interċessjoni fi tmiem is-sena 2009 u fil-bidu tas-sena 2010.

Komunità ta' saċerdoti mill-parroċċa ta' Marija Assunta, H'Attard, żaret lill-Madonna Ta' Pinu. Huma ċċelebraw Quddiesa bejniethom fil-kappella.




# L-Għanja tal-Qaddejja

## (Is-7 Parti)

*Mill-ktieb ta' Bernard Häring, maqlub għall-Malti minn Francesco Pio Attard*

### Ġesù u Marija: il-qaddejja ta' Alla

"Isimgħuni, gżejjer, agħtuni widen, popli mbiegħda! Il-Mulej mill-ġuf sejjaħli, mill-ġewwieni ta' ommi ftakar f'ismi. Għamilli fommi xabla misnuna, taħt id-dell ta' idu ħbieni. Għamel minni vleġġa maħtura, fil-barżakka tiegħu ħbieni. U qalli: 'Israel, inti l-qaddej tiegħi, bik jiena nkun imfaħħar'. U jien għedt: 'Għalxejn inkeddejt, u fix-xejn ħlejt saħħti'. Imma f'idejn il-Mulej il-kawża tiegħi, u l-ħlas tiegħi għand Alla tiegħi. Issa tkellem il-Mulej, li minn ġuf ommi għamilni qaddej tiegħu, biex għandu nraġġa' lura 'l Ġakobb, u biex Israel jinġabar miegħu mill-ġdid, għax jien kont imfaħħar f'għajnejn il-Mulej, u Alla tiegħi kien il-qawwa tiegħi. Hu qalli: 'Tkun ħaġa żgħira wisq għalik li inti tkun il-qaddej tiegħi, biex tqajjem it-tribù ta' Ġakobb u traġġa' lura l-fdal ta' Israel. Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus, biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex''' (Is 49:1-6).

Fil-*Magnificat* Marija taqsam mal-Knisja l-għarfien tagħha ta' isem il-Messija, "il-Qaddej ta' Alla", ħalli hi wkoll tasal biex tagħrfu iktar b'mod sħiħ. Hi jistħoqqilha tkanta l-għanja tal-Qaddej, għax hi stess hi kollha kemm hi qaddejja ta' Alla u tal-bnedmin. Fl-għanja ta' ħajjitha l-Verġni xxandar l-isem ta' Ġesù u tagħmlu magħruf bħala d-dawl tal-ġnus u l-fidwa tad-dinja kollha.

Dak li jibqa' moħbi għall għorrief u l-kburin, Alla wrieh lill-qaddejja umli tiegħu Marija: il-misteru tas-Saltna li jħabbar u jwettaq Ġesù, il-Qaddej. B'ferħ kbir Ġesù nnifsu jaqsam din il-verità mad-dixxipli tiegħu: "F'dak l-istess ħin Ġesù tqanqal bil-ferħ mill-Ispirtu s-Santu u qal: 'Infaħħrek, Missier, Sid is-Sema u l-art, għax int dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. Iva, Missier, għax lilek hekk għoġbok. Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf min hu l-Iben ħlief il-Missier, anqas min hu l-Missier ħlief l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu''' (Lq 10:22-23). Naħseb li nistgħu nassumu bla ma niżbaljaw li f'dak il-waqt kbir Ġesù kellu f'moħħu lil Marija, flimkien ma' dawk kollha li jimxu magħha t-triq ta' l-umiltà. Ħadd ma joqrob aktar minn Marija lejn il-misteru tal-Qaddej; għax hi, l-ilsira umli, taf li kollox ingħata bħala don. "B'liema ħlewwa hu xeħet għajnejh fuq il-qaddejja tiegħu, hekk ċkejkna. Għax mil-lum 'il quddiem kull nisel jibda jsejjaħli hienja, daqskemm għamel ħwejjeġ kbar miegħi l-Mulej, li jista' kollox''. Hi mbierka u jistħoqqilha kull tifħir; għax hi qaddejja, safja, għal kollox ħielsa mit-tebgħa ta' l-arroganza, minn kull xewqa li tqiegħed lilha nfisha fiċ-ċentru. Min idur tabilħaqq għal għand Marija u jsir jafha, magħha jdur għal kollox għal għand



Kristu, u jitgħallem jagħraf u jagħti ġieħ lil Ġesù, il-Qaddej, bil-milja ta' ħajtu.

Marija hi l-mera safja, li tirrifletti fedelment il-grazzja ta' Alla. Għalhekk aħna nfaħħru lill-Mulej kull darba li nsejħulha l-imbierka fost in-nisa. Madankollu, it-tifħir tagħna jkun tabilħaqq qima lil Alla l-Missier jekk l-umiltà ta' Marija, li timxi wara Kristu l-Qaddej, issir il-ħsieb u l-għan ta' ħajjitna kollha. Meta tabilħaqq nagħrfu min hi Marija u nħobbuha, nitolbuha titlob li aħna wkoll naqilgħu u nilqgħu l-istess don ta' l-umiltà, biex hekk il-misteru tas-Saltna ta' Alla jista' jintwera lilna u permezz tagħna.

**Infaħħruk, Missier,**
**Sid is-Sema u l-art,**
**għax urejt l-isem ta' Ġesù,**
**l-isem Għimmanu-El,**
**u ismu, "Israel il-Qaddej",**
**lill-qaddejja umli tiegħek, Marija,**
**sa minn dak in-nhar li semmejtu**
**fil-ġuf ta' ommu.**
**Irroddulek ħajr, Spirtu s-Santu,**
**għax int dawwalt l-għanja**
**ta' ħajjet Marija,**
**u għax għent lill-Knisja,**
**għadha qed titwieled, biex tifhimha;**
**għax hi dawl għall-istess ħajjitna,**
**għajn ta' ferħ għal kulħadd.**

**Ejja, Spirtu s-Santu, u naddafna**
**minn kull arroganza u kburija.**
**Agħtina li ma nixxenqu**
**għal xejn iżjed**
**ħlief li nagħrfu lill-Missier**
**u lil Dak li hu bagħat, Ġesù Kristu.**
**Għall-istess raġuni aħna**
**nitolbu wkoll id-don ta' l-umiltà;**
**għinna biex inkunu dejjem**
**fuq in-naħa ta' Ġesù, il-Qaddej,**
**billi nkunu**
**fuq in-naħa tal-maħqurin,**
**fuq in-naħa taċ-Ċkejknin,**
**li lilhom int turi**
**l-isem tal-Missier**
**u ta' Ibnu Ġesù Kristu.**

**Irroddulek ħajr, Marija,**
**għas-sbuħija ta' l-umiltà**
**u l-ferħ tiegħek.**
**Itlob għalina biex naslu**
**għall-konverżjoni sħiħa**
**f'Ġesù Kristu, il-Qaddej ta' Alla**
**u tal-bnedmin,**
**u hekk inkunu nistgħu nkantaw**
**flimkien miegħek l-għanja tal-ferħ**
**quddiem Ġesù, l-Għimmanu-El.**
**Amen.** ♦

# Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema...



## Settembru - Diċembru 2009

**Informazzjoni miġbura minn Edward Depasquale**

**Amerika:** Attard Marianne, Azzopardi Jane & Charlie Borg Mr & Mrs. Emanuel J Buttigieg Paul, Camilleri Andy, Camilleri Joseph, Camilleri Michelle, Catapano Maria, Cauchi Josette, Galea Ġia'inta Galea Joseph & Julie, Jurgin Masdelene, Lopez Stephanie, Micallef Carmen, Mifsud Helen, Portelli Joe, Said Mizzi Mary, Sultana Anġela.

**Awstralja:** Abela Charles, Attard Mary, Bigeni Marija Borg Antonia, Borg Zarenu, Buttigieg Joseph, Camilleri Angelo & Carmen, Camilleri Sarah, Camilleri An Caruana Joseph & Danielle, Cassar Emanuel, Cauchi Anabelle, Cauchi Daniela, Farrugia Lorenza, Farrugia Maggie, Grech Iris, Grech Josephine, Hili Carmen, Mercieca Carmen, Mercieca Jane, Mercieca Marianu, Mercieca Rose, Mizzi Charlie & Rose, Moretto Maria, Muscat Rose & Victor, Muscat Victor, North Joyce, Portelli Antonia, Saliba Joe & Marianne, Sammut Loreta, Spiteri Les, Tabone Ġina, Tabone Margaret, Theuma Zarenu, Vella Familja, Zahra Andrew, Zammit Diane, Zammit Maryanne, Josephine.

**Ewropa:** Camilleri Karmnu, Casey Marie, Cook Mrs., Duane Patrick, Alan.

**Għawdex:** Abdilla Raymond, Abela Rodianne & Denise, Ackermann Vicky, Apap Frances, Apap Joseph, Aquilina Stella, Attard Ġuża, Attard Rita, Attard Sabrina, Axiaq Lorry, Azzopardi Antonina, Azzopardi John, Azzopardi Joseph, Azzopardi Marija, Bajjada Carmel, Bajjada Doris, Bajjada Karmena, Bajjada Lucy, Bajjada Mary & Charlie, Bartolo Paul, Bonello Wenza, Borg Angela, Bugeja Antonia, Bugeja Carmen, Bugeja Jacquelene, Buhagiar Marvic, Buttigieg Carmen, Buttigieg Fortunatu, Buttigieg Tereża, Camilleri Francis, Camilleri Joe, Camilleri Josanne, Camilleri Karmena, Camilleri Margaret, Camilleri Marlene, Camilleri Miriam, Camilleri Sarah, Caruana Pauline, Caruana Peter, Cassar Anna, Cassar Mary, Cauchi Karmnu, Cauchi Mary Jane, Cefai Eugenio Cini Ġuża, Cini Francesco, Cini Marija, Cini Salvina, Cordina Mary, Costa Michael, Debono Amanda, Debono Frances, Debono Kamena, Debrincat Ġużeppa, Debrincat Carmen, Debrincat Joseph, Dimech Familja,Dingli Marija Falzon Doris, Farrugia Rita Fava Marija, Formosa Heidi, Galea Ġużepp, Galea Sharon, Gatt Beatrice, Gatt Melanie, Gatt Rita, Gauci Anġlu, Gauci Franky, Gauci Joseph, Grech Eugenio, Grech Frances, Grech Neil, Grima Chantelle, Grima Jean Grima Maria, Grima M'Assunta Grima Monica, Grima Salvina, Haber Catherine, Haber Nancy, Haber Tereża, Hili Klementa, Magro Mario, Meilaq Marija, Meilaq Sammy, Mercieca Familja, Mercieca Paola, Micallef Ġorġ, Micallef Emmanuel, Micallef Mario, Micallef Ramona Mifsud Louis, Mizzi Ċettina, Mizzi Noel, Muscat Antida, Muscat David, Muscat Mary Carmen, Muscat Michael, Pace Karmena, Piscopo Sylvana, Portelli Ġuża, Portelli Ċetta, Portelli George, Portelli Joe, Portelli Joseph, Portelli Joyce, Portelli Louise, Rapa Marija, Refalo Erica, Refalo Victoria, Reynolds Antoinette, Sacco Paul, Said Antoinette, Said Koronata, Said Salvina, Saliba Marija Assunta, Sammut Rodlean, Sciberras Francis, Sciberras Joseph, Scicluna Josephine, Scicluna Margaret, Spiteri Ġiovanna, Spiteri Andrea, Spiteri Antoinette, Spiteri Kurunata, Spiteri Liża Spiteri Manwel, Sultana Ġużeppa, Sultana Anna, Sultana Doris, Sultana Marija, Sultana Marika & Simon, Sultana Peter, Sultana Rita, Sultana Tania, Tabone Luca, Tabone Tarcisio, Tabone Wiġi, Theuma Rita, Vassallo Rita Vella Brian, Vella Charles, Vella George, Vella Grazziella, Vella Marija, Vella Mary, Vella Michelle, Vella Nazzareno, Vella Peter, Vella Rita, Xerri Amanda, Xerri Elizabeth, Xerri Rose, Xerri Vella Louis, Xuereb Żarena, Xuereb Charlie, Xuereb John Xuereb Michael, Xuereb Rose Zahra John, Zammit Rita, Zerafa Marija, Fredrick.

**Malta:** Abela Charmaine, Abela Janet, Abela Maria Concetta, Agius Carmelo, Agius Pawlu, Agius (Sr.) Charlie, Apap Emilio, Aquilina Mariella, Arrigo Robert Ltd, Attard Ġemma, Attard Carmela, Attard Carmen, Attard Gerald, AttardKarmnu, Attard Mary, Attard Familja, Axisa Olympia, Axisa Rita, Azzopardi John, Azzopardi Joseph, Azzopardi Ninu, Bajjada Lawrence, Bartolo Stefan, Bayona Anthony, Bezzina Mary, Bezzina Mrs., Bonello Ġuża, Bonnici Josephine, Bonnici Margaret, BorgĠorġina, Borg Bertu, Borg Cathy, Borg Charles, Borg Familja, Borg Grace, Borg Maria, Borg Vincent, Brfown Marisa, Bugeja Annabelle, Bugeja Audrey, Bugeja Carmen, Bugeja Rita, Buttigieg Chantelle, Cachia Anthony, Cachia Evelyn, Calleja Manwel & Josephine, Camenzuli Mary Rose, Camilleri Analise, Camilleri Cathy, Camilleri Christine, Camilleri Con'etta, Camilleri Frank, Camilleri Thereza, Cardona Julia, Caruana Abigail, Caruana Caroline, Caruana Damien, Caruana Familja, Caruana Marija, Caruana Mary Grace,

(Ikompli f'paġna 40)



# Preżentazzjoni tat-Trabi lill-Madonna Ta' Pinu

miġbura minn Edward Depasquale

## Settembru - Diċembru 2009

**Amerika:** Licari Noelle

**Awstralja:** Said Pullicino Elijah

**Ewropa:** Findley Isabella, Findley Tristan.

**Għawdex:** Cordina Krystle, Demicoli Stephan, Le Prevost Carl, Mifsud Lorton, Said Emma, Said Neil, Tabone Emily, Vella Casrlton.

**Malta:** Abdilla Olsn, Abela Alayah, Abela Faith, Abela Isaac, Abela Sharona, Agius Mikaela, Agius Pia, Agius Shawn, Aquilina Daniel, Aquilina Sven, Attard Benjamin Francis, Attard Maria, Azzopardi Kendrick, Balzan Jack, Bezzina Chanerlle, Bonavia Jake, Bonnici Mattia Bonnici Neil, Bonnici Owen, Borg Amy-Lee, Borg Deayn, Borg Jake, Borg Krista, Borg Luca, Borg Miguel, Borg Mireya, Borg Zack, Bovell Thea, Briffa Nicole Rebbecha, Brincat Jens, Bugeja Josef, Buhagiar Matthias John, Cachia Anthony Dylan, Cachia Katrina Marie, Cachia Nicola Marie, Callus Carl, Camenzuli Andrew, Camenzuli Daniel, Camilleri Christina Marie, Camilleri Jack, Camilleri Jonathan, Camilleri Matthew, Camilleri Nazzarine, Camilleri Nina, Camilleri Ylenia, Caruana Bernard, Caruana Christian, Caruana Maria Nicole, Caruana Martina, Caruana Maya, Cassar Christina, Cassar Lara Marie, Cassar Madeline, Cassar Noah, Cassar Shezenne, Chetcuti Miguel, Chircop Joslyn, Ciangura Terence, Ciantar Danielle, Ciappara Andrea, Ciappara Antonia, Colombo Kylie-Angele, Custo' Elisa, Cutajar Jakim, Darmanin Matthias, Debono Ylenia, Demicoli Matte4o, Desira Demicoli Keturah, Dimech Ylenia, Ellul Jamie, Ewa Marie, Falzon Benjamin, Falzon Julia, Falzon Keziah, Falzon Luigi, Falzon Nicole, Farrugia Martina, Farrugia Martina, Fenech Elise, Galea Adriana, Galea Keron, Galea Kieran, Galea Michele, Gallo Mimmo Rosario, Gatt Francesca Maria, Gatt Jasmine, Gerada Elena, Grech Luca, Grech Sebastian, Grima Alexander, Grixti Jydon, Hili Jea Paul, Lewis Jamie Manche Myrah, Micallef Emma, Micallef Mattea, Micallef Raquel, Mifsud Ġiuseppe, Mifsud Keira, Mifsud Luigi, Mifsud Michaela Maria, Mifsud Rowen, Mizzi Katrina, Pace Joanna, Pace Matteo Mario, Parnis Jacob, Peplow Julia,ż Peplow Katya, Poggi Adriana, Portelli Andrew, Psaila Lea Mari, Ruggier Emily, Ruggier Sophie, Ruggier William, Sammut Miguel, Sant Pisani Amber, Scerri Shanae, Spencer Shania Marie, Spiteri Amy, Spiteri Azzopardi Denzel, Spiteri Azzopardi Emerson, Spiteri Zack, Swain Aquilina, Tonna Jean-Luc, Vassallo Navlis, Vella Ann Marie, Vella Davoda, Vella Elisa, Vella George, Vella Hailey, Vella Juan, Vella Kesia, Vella Mikela, Vella Shania, Vella Yasmine, Veronika, Xuereb Keelan, Zammit Aiden, Zammit Alan, Zammit Edward John, Zammit Nicholas, Zammit Zack, Zarb Faith.

(ikompli minn paġna 39)

## Grazzi, Omm tiegħi tas-Sema

Cassar Ġemma, Cassar Anna, Cassar Antoinette, Cassar Cecille, Cassar Emmanuel, Cassar Joseph, Cassar Mary, Cassar Rożaria, Catania Kevin, Cauchi Carmelo, Cauchi Familja, Cauchi Louis, Chetcuti Catherine, Chircop Jacquelene, Chircop Spiru, Cilia Rosanne, Cilia Stephanie, Cumbo Familja, Darmanin Pierre, Debono Cynthia, Debono Melanie, Debono Sean, Degabriele Familja, Dimech Milda, Drago Patricia, Eyre Doris, Falzon Ġuża, Falzon Jo, Falzon Ronnie, Falzon S., Farrugia Carmen, Farrugia Doris, Farrugia Sam, Fava Julia, Fenech Carmelo, Fenech Catherine, Fenech Charlie, Fenech Josianne, Fenech Margaret, Formosa Alfred, Formosa Mary Carmen, Formosa Manswela, Francalanza Emma, Francica Louise, Galea Joan, Galea Joseph, Galea Josephine & Vince, Galea Karmena Galea Lina, Galea Mary, Galea Paul, Gatt Raymond, Gatt Rita, Gauci Ġamri, Gauci Carmelo, Gauci Carmen, Gauci Raymonda, Gauci Clautil, Grima Doris, Grima Mary, Howe Christine, Kitcher Josephine, Magri Grace, Magro Concetta, Mamo Marisa, Mangion John, Mangion Joseph, Mangion Josephine, Marmara Karmena, Marmara Nicky, Mercieca Anġela, Micallef Carmen, Micallef Doreen, Micallef Doris, Micallef Grace, Micallef Jane, Micallef Josephine, Micallef Louis, Micallef Marija, Micallef Mario, Micallef Saverina, Mifsud Ċens, Mifsud Anġlu, Mifsud Laurence, Mifsud Mariella, Mifsud Michael, Mifsud Rita, Mizzi Pauline, Mizzi Sonia, Muscat Keith, Nicholls Lucy, Pace Frank, Pace Debono Margaret, Paris Lina, Parnis Nick, Piccinino John, Piscopo Michael, Portelli Rose, Psaila Charles, Psaila Victoria, Puli Marija, Puli Victoria, Said Mary, Saliba Mario, Saliba Mary, Sammut Anna, Sammut Doris, Sammut Elizabeth, Sammut Miguel, Sant Jane, Schembri Doreen, Schembri Joe, Sciberras Charles, Sciberras Vincent, Scicluna Charlie, Seychell Filomena, Spiteri Amelia, Spiteri Maryanne, Spiteri Nancy, Stainyer Emmanuel, Sultana Antonia, Sultana Lu'ija, Sultana Marija, Sultana Rita, Tanti Maryanne, Tanti Michael, Taylor Mary, Terribile Ruth, Vassallo Mrs., Vella Catherine, Vella Doris, Vella Esther, Vella G., Xerri Lycia, Xerri Marija, Xuereb Mariza, Xuereb Pauline, Zahra Clarissa, Zammit Charles, Zammit Doris, Zammit Francis, Zammit Margaret, Zammit Nina, Nina, Rodianne, Rose.



# Marija mdawra mill-Appostli

Xi tnebbaħna l-Madonna Ta' Pinu, kif inhi ppreżentata fil-kwadru tant għażiż għall-poplu Malti u Għawdxi? Lili jolqotni l-fatt li Marija ħierġa mill-qabar hija mdawra mill-Appostli, u fihom jien nilmaħ lil kull sa'erdot tagħna...

Il-Verġni Mbierka kontinwament (lill-Appostli) kienet tfissrilhom u tikkonfermalhom li l-qabar vojt (ta' Kristu) mhuwiex vojt għax Alla telaqhom imma għaliex Kristu qam mill-mewt. U quddiem kull kuntrarjetà l-Appostlu, is-saċerdot, u anki intom bħala dixxipli, tridu tibqgħu tittamaw li r-rebħa aħħarija hija ta' Kristu. Huma kemm huma kbar id-dubji, id-diffikultajiet pastorali u l-isfidi tas-soċjetà u anki ta' żmienna, huma x'inhuma, aħna għandna magħna lill-Verġni Marija Omm tagħna u omm is-saċerdot, li tibqa' takkumpanjana!

Iva, għeżież tiegħi, il-Verġni Marija mtellgħa s-Sema, kif hija meqjuma f'dan is-santwarju Ta' Pinu, għandha wkoll dan il-messaġġ għad-dinja u għalina s-saċerdoti. Kien għalhekk li l-Missier tagħna l-Papa - li jiena llejla nixtieq li nitolbu għalih, għax tafu minn xiex huwa għaddej - aċċetta t-talba li għamlitlu d-djoċesi tagħna biex meta jkun hawn, kważi xahar ieħor, huwa jagħti qima lill-kwadru tal-Madonna Ta' Pinu li aħna sa nieħdu apposta fuq il-Fosos tal-Furjana. Sa neħduh għaliex huwa ikona li tkellem ħafna lilna bħala poplu ta' Alla, u lilna s-saċerdoti tagħtina ħafna kuraġġ. Mhux ta' b'xejn li l-Papa sa jagħmel ġest rari: lill-Madonna Ta Pinu sa jagħtiha ***"Rosa d'Oro"***, warda tad-deheb ħalli tibqa' sinjal tiegħu u ta' din id-devozzjoni li aħna għandna u jalla jibqa' jkollna lejn il-Madonna Ta' Pinu.

(silta mid-diskors tal-isqof ta' Għawdex
Mons. Mario Grech,
li sar fi tmiem il-*Via Crucis*
ta' nhar il-21 ta' Marzu 2010)



# Programm taċ-Ċelebrazzjonijiet tal-Għeluq taż-Żjara Apostolika tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI f'Malta u fl-Okkażjoni ta' l-Għotja tal-Warda tad-Deheb mill-Papa lill-Madonna Ta' Pinu

*Il-Ħadd, 18 t'April:* Il-Kwadru Mirakoluż u devot tal-Madonna Ta' Pinu jitqiegħed fuq il-fosos tal-Furjana għall-venerazzjoni tal-Q.T. il-Papa Benedittu XVI. Fi tmiem il-Pontifikal, tingħad it-talba Marjana *Regina Coeli* u l-Papa joffri l-Warda tad-Deheb lill-Madonna Ta' Pinu.

*Mill-Ħadd sal-Erbgħa filgħaxija*, il-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu ser ikun fil-Bażilika Santwarju tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt Valletta għall-qima tal-poplu Malti.

*L-Erbgħa, 21 ta'April:* Fis-6.30 p.m. Pontifikal solenni mmexxi mill-Isqof ta' Għawdex, Mons. Mario Grech.

*Il-Ħamis, 22 ta' April:* Fid-9.00 a.m. pellegrinaġġ mis-Santwarju tal-Karmnu bil-Kwadru Tal-Madonna Ta' Pinu lejn Bieb il-Belt, minn fejn jitwassal sal-Knisja Arċipretali u Santwarju ta' Marija Assunta tal-Mosta.

Fit-8.30 p.m. Ċelebrazzjoni Marjana.

*Il-Ġimgħa 23 ta' April:* Fit-3.00 p.m. Pellegrinaġġ Nazzjonali mmexxi mill-Arċisqof Mons. Pawlu Cremona O.P u minn Nunzju Apostoliku Mons. Tommaso Caputo flimkien mal-poplu Malti li jakkumpanjaw b'*carcade* l-Kwadru tal-Madonna Ta' Pinu lejn Għawdex.

Meta l-Kwadru jasal ħdejn il-Kappella ta' San Publiju jibda pellegrinaġġ lejn is-Santwarju. Fis-6.30 p.m. Pontifikal Solenni b'radd ta' ħajr għaż-Żjara Apostolika tal-Papa Benedittu XVI. Il-Pontifikal jitmexxa mill-Arċisqof ta' Malta megħjun min-Nunzju Apostoliku u l-Isqof ta' Għawdex flimkien mal-isqfijiet mistiedna.




Dawk li jixtiequ jakkumpanjaw lill-Madonna Ta' Pinu lejn Għawdex u jieħdu sehem fil-Pontifikal ta' Ringrazzjament, huma mitluba jikkuntatjaw lil Radju Marija (tel 2145 3105).

Radju Marija ser ixandar iċ-Ċelebrazzjonijiet Prinċipali.

NEWSPAPER POST